KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
MENGOZZI
ippreżentati fit-12 ta' Novembru 2014[1]

Kawża C-585/13 P

Europäisch-Iranische Handelsbank AG
vs

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

"Appell — Miżuri restrittivi meħuda kontra l-Iran — Lista ta' persuni u ta' entitajiet li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi — Elenkar ta' isem l-appellant — Kriterji ta' indikazzjoni — Projbizzjoni ta' evażjoni ta' miżuri restrittivi — Kundizzjonijiet għal-legalità ta' tranżazzjonijiet finanzjarji li jinvolvu banek Iranjani indikati — Rilaxx ta' fondi — Proċeduri ta' awtorizzazzjoni minn qabel — Awtorizzazzjonijiet mogħtija mill-awtorità nazzjonali kompetenti — Proċedura msejħa 'tat-tielet rimedju' — Approvazzjoni ġeneralizzata"

Werrej

I – Il-fatti li wasslu għall-kawża u s-sentenza appellata 3

II – Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet 5

III – L-analiżi legali 5

A – Fuq l-ewwel aggravju u l-ewwel parti tat-tieni aggravju, ibbażati fuq żball ta' liġi meta l-Qorti Ġenerali kkunsidrat, b'mod żbaljat, li l-appellant kien ammetta li wettaq it-tranżazzjonijiet invokati mill-Kunsill fil-motivi tal-atti kkontestati 6

1. L-argument tal-appellant 6

2. Analiżi 7

B – Fuq it-tieni parti tat-tieni aggravju, ibbażata fuq żball ta' liġi meta l-Qorti Ġenerali kkunsidrat, b'mod żbaljat, li EIH kien jissodisfa l-kriterji ta' indikazzjoni 8

1. L-argument tal-appellant 8

a) Fuq it-tranżazzjonijiet allegatament eskluży mill-kamp tal-miżuri restrittivi 8

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

b) Fuq it-tranżazzjonijiet allegatament awtorizzati 9

c) Fuq it-tranżazzjonijiet imwettqa skont il-proċedura tat-tielet rimedju 9

2. Analiżi 11

a) Fuq it-tranżazzjonijiet allegatament eskluż mill-kamp tal-miżuri restrittivi 11

b) Fuq it-tranżazzjonijiet allegatament awtorizzati 12

c) Fuq it-tranżazzjonijiet imwettqa skont il-proċedura tat-tielet rimedju 13

i) Fuq il-legalità tal-approvazzjonijiet ġeneralizzati 13

ii) Fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 961/2010 15

iii) Fuq il-proċedura tat-tielet rimedju u l-projbizzjoni tal-evażjoni ta' miżuri restrittivi 17

C – Fuq it-tielet aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi rigward l-interpretazzjoni u l-evalwazzjoni tal-prinċipji ta' aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali 19

1. L-argumenti tal-appellant 19

2. Analiżi 20

D – Fuq ir-raba' aggravju bbażat fuq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 32(2) tar-Regolament Nru 961/2010 u tal-prinċipju ta' proporzjonalità 21

1. L-argumenti tal-appellant 21

2. Analiżi 22

IV – Fuq l-ispejjeż 24

V – Konklużjoni 25

1. Dan l-appell, ippreżentat mill-Europäisch-Iranische Handelsbank AG (iktar 'il quddiem l-"EIH"), jitlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea Europäisch-Iranische Handelsbank AG vs Il-Kunsill [2] (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), li permezz tagħha din tal-aħħar ċaħdet parzjalment ir-rikors għal annullament tal-appellant fir-rigward ta' ċertu numru ta' atti li wasslu għall-elenkar u ż-żamma tiegħu fil-listi ta' persuni, ta' entitajiet u ta' organi (iktar 'il quddiem "ta' persuni u ta' entitajiet") li l-assi tagħhom għandhom ikunu ffriżati fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-proliferazzjoni nukleari fl-Iran.

2. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea mmotiva d-deċiżjoni tiegħu ta' ffriżar ta' fondi tal-appellant fuq il-fatt li huwa kien wettaq numru ta' tranżazzjonijiet finanzjarji li jinvolvu entitajiet indikati, jiġifieri li kienu diġà suġġetti għal miżuri restrittivi, minkejja l-fatt li l-fondi tagħhom kellhom ikunu ffriżati. Il-kwistjoni legali l-iktar importanti mqajma minn dan l-appell hija dik dwar jekk l-approvazzjoni jew l-awtorizzazzjonijiet allegatament mogħtija lill-EIH mill-Bundesbank – awtorità nazzjonali kompetenti

2 — T-434/11, EU:T:2013:405.

skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea sabiex tawtorizza r-rilaxx ta' fondi ta' entitajiet indikati jew ta' tranżazzjonijiet finanzjarji provenjenti minn jew iddestinati għal persuni u entitajiet Iranjani mhux indikati – humiex suffiċjenti sabiex jipproteġu l-entità li effettivament wettqet l-imsemmija tranżazzjonijiet minn elenkar fil-listi u, għaldaqstant, sabiex jipprekludu lill-Kunsill milli jieħu deċiżjoni ta' ffriżar ta' fondi tal-appellant.

I – **Il-fatti li wasslu għall-kawża u s-sentenza appellata**

3. Mill-punti 1 *et seq* tas-sentenza appellata jirriżulta li l-appellant huwa bank Ġermaniż li jispeċjalizza fis-servizzi u l-attivitajiet li jirrigwardaw l-Iran jew fl-Iran.

4. Il-kawża mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali tagħmel parti minn kuntest marbut mal-applikazzjoni ta' miżuri restrittivi stabbiliti sabiex issir pressjoni fuq l-Iran sabiex dan itemm l-attivitajiet nukleari li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni u ta' żvilupp ta' sistemi ta' kunsinna ta' armi nukleari (iktar 'il quddiem il-"proliferazzjoni nukleari").

5. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK, tas-26 ta' Lulju 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK[3], minn naħa, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010, tal-25 ta' Ottubru 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2007[4], min-naħa l-oħra, jikkostitwixxu, għal din il-kawża, il-miżuri qafas li jistabbilixxu l-prinċipju tal-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi tal-persuni u ta' entitajiet li isimhom huwa inkluż fil-listi stabbiliti fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413 u fl-Anness VIII tar-Regolament Nru 961/2010, u li jiddefinixxu l-kundizzjonijiet għall-inklużjoni fil-listi.

6. Fit-23 ta' Mejju 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/299/PESK li temenda d-Deċiżjoni 2010/413[5] flimkien mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 503/2011, li jimplementa r-Regolament Nru 961/2010[6] (iktar 'il quddiem, flimkien, l-"atti tat-23 ta' Mejju 2011").

7. Permezz ta' dawn iż-żewġ atti, għall-ewwel darba, il-Kunsill inkluda isem l-appellant fil-listi tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413 u tal-Anness VIII tar-Regolament Nru 961/2010 u mmotiva dan l-elenkar bil-mod segwenti: "L-EIH kellu rwol prinċipali ta' assistenza lil numru ta' banek Iranjani permezz ta' għażliet alternattivi għall-ikkompletar tat-tranżazzjonijiet interrotti mis-sanzjonijiet tal-[Unjoni] li kellhom l-Iran fil-mira. L-EIH ġie nnotat jagħixxi bħala l-bank li jipprovdi l-konsulenza u l-bank intermedjarju fi tranżazzjonijiet ma' entitajiet Iranjani indikati. Pereżempju, kmieni f'Awwissu 2010 l-EIH iffriża l-kontijiet tal-banek indikati mill-[Unjoni] Saderat Iran u Bank Mellat li jinsabu ġewwa EIH Hamburg [il-Ġermanja]. Ftit wara, l-EIH kompla n-negozju ddenominat bl-euro mal-Bank Mellat u l-Bank Saderat Iran bl-użu tal-kontijiet EIH ma' bank Iranjan mhux indikat. F'Awwissu 2010, l-EIH kien qed iwaqqaf sistema li tippermetti li pagamenti ta' rutina jsiru lill-Bank Saderat London u Future Bank Bahrain, b'tali mod li jkunu evitati sanzjonijie tal-[Unjoni]. Sa minn Ottubru 2010, l-EIH kompla jagħixxi bħala intermedjarju għal pagamenti mill-banek Iranjani sanzjonati, inklużi Mellat u Saderat. Dawn il-banek sanzjonati għandhom jidderieġu l-pagamenti tagħhom lill-EIH via Iran's Bank of Industry and Mine. Fl-2009, l-EIH intuża mill-Post Bank fi skema għall-evażjoni ta' sanzjonijiet li kienet tinvolvi l-ġestjoni ta' transazzjonijiet f'isem il-Bank Sepah indikat min-NU. Bank Mellat indikat mill-[Unjoni] hu wieħed mill-banek matriċi [parent] tal-EIH".

3 — ĠU L 195, p. 39.
4 — ĠU L 281, p. 1.
5 — ĠU L 136, p. 65.
6 — ĠU L 136, p. 26.

8. Wara dan l-ewwel elenkar, l-appellant għamel, bejn ix-xhur ta' Mejju u Lulju 2011, diversi talbiet għal informazzjoni u komunikazzjoni ta' dokumenti lill-Kunsill kif ukoll talba għal smigħ u eżami mill-ġdid tad-deċiżjoni ta' elenkar. Huwa kkomunika wkoll l-osservazzjonijiet tiegħu lill-Kunsill. Bi tweġiba għal dawn it-talbiet, il-Kunsill indika lill-appellant li l-motivi tal-elenkar tiegħu jirriżultaw minn proposta magħmula minn Stat Membru mingħajr ma l-imsemmi Kunsill kellu informazzjoni addizzjonali. Barra minn hekk, il-Kunsill bagħatlu kopja tal-proposta ta' elenkar.

9. L-elenkar tal-appellant fil-listi nżamm mill-Kunsill fid-Deċiżjoni tiegħu 2011/783/PESK, tal-1 ta' Diċembru 2011, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413[7], kif ukoll fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1245/2011, tal-istess jum, li jimplimenta r-Regolament Nru 961/2010[8]. Għalhekk fil-5 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill bagħat ittra lill-appellant, li magħha ġiet annessa kopja tal-imsemmija deċiżjoni u l-imsemmi regolament ta' implementazzjoni, u informah li, wara eżami mill-ġdid tal-listi inizjali u wara li kienu kkunsidrati l-osservazzjonijiet tal-appellant esposti fl-iskambji li saru bejn ix-xhur ta' Mejju u ta' Lulju 2011, ismu nżamm fuq il-listi minħabba l-fatt li huwa kien ipprovda servizzi finanzjarji pprojbiti lill-entitajiet indikati – fatt li skont il-Kunsill jikkostitwixxi sostenn għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni. Wara li l-appellant irċieva din l-ittra huwa reġa' għamel talba għal smigħ, ikkonferma l-osservazzjonijiet tiegħu u reġa' talab eżami mill-ġdid tal-elenkar.

10. Mid-diversi ittri mibgħuta mill-EIH lill-Kunsill[9] jirriżulta li fir-rigward tat-tranżazzjonijiet kollha li jinvolvu banek Iranjani indikati, huwa dejjem aġixxa bl-awtorizzazzjoni jew bl-approvazzjoni u taħt is-sorveljanza tal-Bundesbank. Barra minn hekk, EIH ippreżenta lill-Kunsill id-dettalji tal-proċedura msejħa "tat-tielet rimedju", li permezz tagħha EIH indika li huwa wettaq tranżazzjonijiet marbuta ma' attivitajiet antiki tal-banek Iranjani indikati. Din il-proċedura tikkonsisti "fil-possibbiltà, li entità indikata, tħallas dejn, naxxenti minn obbligu preċedenti għall-indikazzjoni tagħha, lill-kreditur stabbilit fit-territorju tal-Unjoni, billi titrasferixxi assi lil dan tal-aħħar, permezz ta' entità mhux indikata li taġixxi bħala intermedjarja"[10] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

11. Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru fit-3 ta' Awwissu 2011, u wara li biddel darbtejn it-talbiet tiegħu[11], l-appellant ippreżenta rikors għal annullament billi talab li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tannulla, b'effett immedjat, l-atti tat-23 ta' Mejju 2011, id-Deċiżjoni 2011/783, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1245/2011 u r-Regolament Nru 267/2012, sa fejn dawn jikkonċernawh; tiddikjara l-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413, l-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 961/2010 u l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 267/2012 inapplikabbli[12] u tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

12. L-appellant qajjem erba' motivi insostenn tat-talbiet tiegħu hekk emendati. L-ewwel motiv kien ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva. It-tieni motiv kien ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni minħabba l-fatt li, fl-ewwel lok, il-Kunsill ma kienx ġab prova tat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-motivi tal-atti li kontrihom sar ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali, fit-tieni lok, il-kundizzjonijiet għall-elenkar u ż-żamma ta' isem EIH fil-listi ma kinux issodisfatti u, fit-tielet lok, il-Kunsill ma kienx wettaq evalwazzjoni u eżami mill-ġdid suffiċjenti tad-deċiżjoni ta' elenkar. It-tielet motiv imqajjem kien ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali kif ukoll

7 — ĠU L 319, p. 71.

8 — ĠU L 319, p. 11.

9 — Ara l-punt 167 tas-sentenza appellata.

10 — Punt 51 tas-sentenza appellata.

11 — L-ewwel darba wara l-adozzjoni tal-atti tal-1 ta' Diċembru 2011 (ara l-punt 9 ta' dawn il-konklużjonijiet) u t-tieni darba wara l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament Nru 961/2010 (ĠU L 88, p. 1). L-Artikolu 23(2)(a) u (b) tar-Regolament Nru 267/2012 jipprovdi għall-iffriżar ta' fondi ta' persuni, tal-entitajiet jew tal-organi elenkati fl-Anness IX tiegħu li jinkludi isem l-appellant.

12 — Dawn id-dispożizzjonijiet jiddefinixxu l-kriterji li persuna jew entità għandha tissodisfa sabiex il-fondi tagħha jkunu ffriżati. Huma jipprovdu, b'mod partikolari, l-iffriżar ta' fondi ta' dawk li jassistu entità indikata sabiex tikser is-sistema ta' miżuri restrittivi adottata kontriha.

tad-dritt għal amministrazzjoni tajba. Fl-aħħar nett, ir-raba' motiv kien ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ta' dritt għall-proprjetà u ta' libertà ta' impriża. Barra minn hekk, l-appellant qajjem l-eċċezzjoni ta' illegalità prevista fl-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413, fl-Artikolu 16(2)(b) tar-Regolament Nru 961/2010 u fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 267/2012.

13. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali laqgħet it-tieni motiv sa fejn jirrigwarda l-atti tat-23 ta' Mejju 2011. Fl-analiżi tal-ilment li jirrigwarda l-evalwazzjoni mill-Kunsill tal-proposta ta' elenkar inizjali [13], il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, sa fejn il-proposta ta' ffriżar ta' fondi tal-appellant kienet tirriżulta minn Stat Membru, kellu jkun il-Kunsill li jeżamina r-rilevanza u l-fondatezza tal-elementi ta' informazzjoni u tal-provi li kienu sottomessi lilu. Madankollu, kif ammetta l-Kunsill stess, huwa ma kellux elementi oħra ħlief il-proposta u, b'mod partikolari, ma kellux provi oħra. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li fir-rigward tal-ewwel elenkar tal-appellant, il-Kunsill ma kienx f'pożizzjoni li jivverifika, fil-mument tal-adozzjoni tal-atti tat-23 ta' Mejju 2011, il-fondatezza tal-provi prodotti kontra l-appellant fil-proposta ta' elenkar. Konsegwentement, hija annullat biss l-atti tat-23 ta' Mejju 2011 fir-rigward tal-elenkar inizjali tal-appellant, sa fejn kienu jikkonċernawh.

14. Il-kumplament tar-rikors ġie miċħud.

II – **Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet**

15. Fid-19 ta' Novembru 2013, EIH ippreżenta appell mis-sentenza appellata. It-talbiet tal-appellant jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tannulla s-sentenza appellata fil-punti indikati; tannulla t-tliet atti li l-Qorti Ġenerali ma annullatx, jiġifieri d-Deċiżjoni 2011/783, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1245/2011 u r-Regolament Nru 267/2012 (iktar 'il quddiem, flimkien, l-"atti kkontestati") [14] b'effett immedjat, sa fejn japplikaw għal EIH u tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

16. Fir-risposta tiegħu, il-Kunsill talab li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad l-appell kollu u tikkundanna lill-appellant għall-ispejjeż tal-Kunsill.

17. Fir-risposta tiegħu, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, parti intervenjenti fl-ewwel istanza insostenn tal-Kunsill, jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad l-appell.

III – **L-analiżi legali**

18. Fl-appell tiegħu, l-appellant jinvoka erba' aggravji. L-ewwel wieħed jikkontesta l-iżball ta' liġi allegatament imwettaq mill-Qorti Ġenerali meta kkonkludiet, b'mod żbaljat, li l-appellant kien ammetta li wettaq it-tranżazzjonijiet invokati mill-Kunsill sabiex jiġġustifika l-indikazzjoni tiegħu. It-tieni aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi meta l-Qorti Ġenerali ddeċidiet, b'mod żbaljat, li l-kriterji meħtieġa għall-elenkar tal-appellant fil-listi kienu ssodisfatti. It-tielet aggravju jikkontesta l-iżball ta' liġi tal-Qorti Ġenerali meta ċaħdet il-motiv dwar ksur tal-aspettattivi leġittimi u tal-prinċipju ta' ċertezza legali. Fl-aħħar nett, ir-raba' aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi meta l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-appellant ma setax jinvoka l-Artikolu 32(2) tar-Regolament Nru 961/2010.

13 — Ara l-punti 163 *et seq* tas-sentenza appellata.

14 — Fost l-atti kkontestati, ir-Regolament Nru 267/2012 biss jirriproduċi b'mod espliċitu l-motivi msemmija waqt l-elenkar inizjali (jiġifieri fl-atti tat-23 ta' Mejju 2011). Madankollu, peress li d-Deċiżjoni 2011/783 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1245/2011 jidhru li huma atti li jikkonfermaw l-atti tat-23 ta' Mejju 2011, jiena ser nikkunsidrahom, għall-argumenti segwenti, bħala li jirriproduċu b'mod impliċitu l-motivi msemmija fl-atti tat-23 ta' Mejju 2011 u ser nitkellem għalhekk dwar "motivi tal-atti kkontestati".

A – *Fuq l-ewwel aggravju u l-ewwel parti tat-tieni aggravju, ibbażati fuq żball ta' liġi meta l-Qorti Ġenerali kkunsidrat, b'mod żbaljat, li l-appellant kien ammetta li wettaq it-tranżazzjonijiet invokati mill-Kunsill fil-motivi tal-atti kkontestati*

1. L-argument tal-appellant

19. L-appellant isostni, fil-kuntest tal-ewwel aggravju, li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat, b'mod żbaljat, li huwa kien qajjem tardivament l-argument li permezz tiegħu huwa kkontesta li wettaq it-tranżazzjonijiet previsti fil-motivi tad-deċiżjonijiet ta' elenkar u taż-żamma ta' EIH fil-listi tal-persuni jew entitajiet milquta bil-miżuri restrittivi inkwistjoni, minkejja li dan l-ilment kien diġà ġie invokat fl-istadju tar-rikors, u mbagħad anki fir-risposta – kif jidher mir-rapport tas-seduta – u, fi kwalunkwe każ, b'konformità sħiħa mal-Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali. Barra minn hekk, il-Kunsill min-naħa tiegħu ma kkontestax l-ammissibbiltà tal-argument, li għalhekk kellu, f'dawn iċ-ċirkustanzi, ikun iddikjarat ammissibbli. L-appellant jitlob li l-ewwel u t-tieni motivi mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali għandhom ikunu eżaminati mill-ġdid mill-Qorti tal-Ġustizzja filwaqt li jiġi debitament ikkunsidrat il-fatt li huwa ma rrikonoxxiex li wettaq it-tranżazzjonijiet inkwistjoni, kuntrarjament għall-premessa tat-tluq tal-Qorti Ġenerali.

20. B'hekk, din il-premessa inizjali tivvizzja r-raġunament kollu tal-Qorti Ġenerali dwar, min-naħa, in-natura suffiċjenti tal-motivazzjoni u l-osservanza tad-drittijiet tad-difiża – l-ewwel motiv imqajjem fl-ewwel istanza – u min-naħa l-oħra, dwar l-iżball manifest ta' evalwazzjoni min-naħa tal-Kunsill, li ma ġabx prova tat-tranżazzjonijiet previsti fil-motivi tal-atti kkontestati – l-ewwel fergħa tat-tieni motiv imqajjem fl-ewwel istanza.

21. F'dan il-kuntest, EIH isostni, min-naħa, li l-motivazzjoni tal-atti kkontestati ma ppermettitlux li jistabbilixxi rabta bejn it-tranżazzjonijiet imwettqa skont il-proċedura tat-tielet rimedju, peress li l-Kunsill innifsu qatt ma seta' jistabbilixxi rabta bejn dawn it-tranżazzjonijiet u t-tranżazzjonijiet li kienu invokati fil-motivi. EIH sempliċement żvela t-tranżazzjonijiet kollha li huwa wettaq u enfasizza li whud minnhom kienu, fil-fehma tiegħu, eskluži mill-kamp ta' miżuri restrittivi, oħrajn approvati mill-Bundesbank u oħrajn awtorizzati wkoll minn din tal-aħħar iżda, madankollu, EIH ma setax jidentifika l-aġir ikkritikat fit-tieni eżempju [15], moqri flimkien mal-ewwel [16] u r-raba' [17] eżempji.

22. Min-naħa l-oħra, EIH isostni li l-eżami mill-ġdid tal-elenkar li għamel il-Kunsill ma kienx adegwat, peress li l-Kunsill fl-ebda mument ma pproduċa provi minkejja li EIH kien qed jikkontesta l-eżistenza tat-tranżazzjonijiet invokati fil-motivi tal-atti kkontestati. It-tweġiba qasira li l-Kunsill ta lil EIH wara li huwa kien ippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu dwar l-elenkar tiegħu ma tikkostitwixxix eżami mill-ġdid tad-deċiżjoni ta' elenkar. Għall-kuntrarju ta' dak li ddeċidiet fil-punt 99 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tikkonkludi li l-Kunsill kien ċaħad espressament l-argumenti ppreżentati mill-appellant peress li r-rifjut kellu jkun permezz ta' provi fir-rigward tat-tranżazzjonijiet stess.

23. Preċiżament għaliex il-Kunsill ma pprovda, fl-ebda mument, provi dwar dawn it-tranżazzjonijiet u fid-dawl tal-fatt li EIH qatt ma ammetta li wettaqhom, ebda waħda mill-allegazzjonijiet kontenuti fil-motivi ma tista' titqies li hija stabbilita, għall-kuntrarju ta' dak li teħtieġ il-ġurisprudenza [18]. Għalhekk l-atti kkontestati għandhom ikunu annullati.

15 — Jiġifieri l-fatt li, fix-xahar ta' Awwissu 2010, EIH kien qed iwaqqaf sistema li tippermetti li pagamenti ta' rutina jsiru lill-Bank Saderat London u Future Bank Bahrain, b'tali mod li jkunu evitati sanzjonijiet tal-Unjoni.

16 — Jiġifieri l-fatt li kmieni f'Awwissu 2010 l-EIH l-ewwel iffriża l-kontijiet tal-Bank Saderat Iran u tal-Bank Mellat u mbagħad kompla t-tranżazzjonijiet iddenominat bl-euro ma' dawn iż-żewġ entitajiet indikati bl-użu tal-kontijiet li kellhom ma' bank Iranjan mhux indikat.

17 — Jiġifieri l-fatt li fl-2009, EIH intuża mill-Post Bank fi skema għall-evażjoni tas-sanzjonijiet u li kienet tinvolvi l-ġestjoni ta' tranżazzjonijiet f'isem il-Bank Sepah indikat min-Nazzjonijiet Uniti.

18 — F'dan ir-rigward, l-appellant jiċċita, is-sentenzi Fulmen vs Il-Kunsill (T-439/10 u T-440/10, EU:T:2012:142, punti 95 sa 104) kif ukoll Il-Kummissjoni *et* vs Kadi (C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518, punti 119 sa 121).

2. Analiżi

24. Skont argument kultant impenjattiv, l-appellant jinvoka żball ta' liġi li, madankollu, huwa ma kklassifikax legalment.

25. Mill-bidu għandu jitfakkar li "l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tikkonstata l-fatti u lanqas, bħala prinċipju, sabiex teżamina l-provi li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat insostenn ta' dawn il-fatti. Fil-fatt, meta dawn il-provi jkunu nkisbu b'mod regolari u l-prinċipji ġenerali tad-dritt kif ukoll ir-regoli ta' proċedura applikabbli fir-rigward tal-oneru u tal-amministrazzjoni tal-prova jkunu ġew osservati, hija biss il-Qorti Ġenerali li tista' tevalwa l-valur li għandu jingħata lill-provi li jkunu ġew prodotti quddiemha. Għaldaqstant, din l-evalwazzjoni ma tikkostitwixxix, ħlief fil-każ tal-iżnaturament ta' dawn il-provi, kwistjoni ta' dritt suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja" [19].

26. Jiena pjuttost inklinat li ninterpreta l-argument magħmul minn EIH fil-kuntest tal-ewwel aggravju u tal-ewwel parti tat-tieni aggravju tiegħu, fis-sens li huwa jfittex li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata żnaturament tal-provi, peress li skont EIH, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod żbaljat li l-informazzjoni kontenuta fis-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu, u b'mod partikolari pprovduta fl-annessi mar-rikors tiegħu, kienet rikonoxximent tal-materjalità tat-tranżazzjonijiet imsemmija mill-Kunsill fil-motivi tal-atti kkontestati.

27. Għalkemm hija ġurisprudenza stabbilita li l-iżnaturament tal-provi prodotti quddiem il-qorti tal-ewwel istanza jaqa' fl-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi fil-kuntest tal-appell, għandu jitfakkar li tali żnaturament "għandu jidher b'mod ċar mill-atti tal-proċess, mingħajr ma jkun meħtieġ li ssir evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi" [20]. Barra minn hekk, għandu jkun dak li jinvokah li jurih, peress li l-appell għandu jindika l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku t-talba [21].

28. Anki jekk dawn iż-żewġ kundizzjonijiet jitqiesu li huma ssodisfatti, l-argument ta' EIH ma huwiex tali li juri b'mod manifest żnaturament tal-provi iżda pjuttost donnu huwa intiż sabiex jikseb evalwazzjoni mill-ġdid tal-imsemmija provi mill-Qorti tal-Ġustizzja, ħaġa li madankollu ma hijiex fil-kompetenza tagħha.

29. B'mod partikolari, is-sempliċi qari tal-annessi tar-rikors promotur, li jinkludu b'mod partikolari listi ta' tranżazzjonijiet imwettqa minn EIH, essenzjalment bejn is-snin 2010 u 2011 [22], mal-entitajiet imsemmija fil-motivi tal-atti kkontestati, jiġifieri l-Bank Mellat, il-Bank Sepah, il-Bank Saderat Iran, il-Bank Saderat plc, u l-Future Bank of Bahreïn u l-Postbank of Iran, jista' b'mod leġittimu jwassal lill-Qorti Ġenerali tikkunsidra li r-realtà tat-tranżazzjonijiet ma kinitx ikkontestata. Barra minn hekk, jirriżulta b'mod ċar mis-sottomissjonijiet bil-miktub tal-appellant li l-aggravju prinċipali tiegħu ta' kontestazzjoni tal-motivi tal-atti kkontestati, kemm quddiem il-Qorti Ġenerali kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, huwa li jsostni n-natura legali tat-tranżazzjonijiet li huwa ma jiċħadx – tal-inqas fis-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu quddiem il-Qorti Ġenerali – li wettaq mal-entitajiet indikati, peress li dawn kienu awtorizzati jew approvati mill-Bundesbank jew li kienu barra mill-kamp tal-miżuri restrittivi.

30. Issa, preċiżament mis-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li EIH ammetta, fis-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu, li wettaq tranżazzjonijiet li jinvolvu banek indikati iżda dan filwaqt li jispjega li dawn kienu legali u li kien biss fis-seduta li huwa kkontesta li kien involut fi tranżazzjonijiet bħal dawk previsti fil-motivi tal-atti kkontestati kif ukoll l-eżistenza ta' rabta bejn

19 — Sentenza Trubowest Handel u Makarov vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-419/08 P, EU:C:2010:147, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

20 — Sentenza Trubowest Handel u Makarov vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (EU:C:2010:147, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 — Ara l-punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata tal-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża Trubowest Handel u Makarov vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-419/08 P, EU:C:2009:678).

22 — Jiġifieri l-perijodu li għalih jagħmlu riferiment il-motivi tal-atti kkontestati (bl-eċċezzjoni tar-raba' eżempju li jirreferi għas-sena 2009).

l-imsemmija tranżazzjonijiet u t-tranżazzjonijiet effettivament imwettqa. Huwa għalhekk ġust li dan l-aħħar argument kien meqjus bħala ġdid, u għalhekk inammissibbli, mill-Qorti Ġenerali, peress li EIH ma sostniex fl-istadju tas-sottomissjonijiet bil-miktub li t-tranżazzjonijiet li huwa invoka, imwettqa mal-istess sieħba identifikati fil-motivi tal-atti kkontestati u li jkopru l-istess perijodu indikat fihom, ma kellhom xejn x'jaqsmu ma' dawk imsemmija fil-motivi. Minħabba dan il-fatt, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-partijiet kienu qed jiddiskutu biss dwar in-natura legali jew le tat-tranżazzjonijiet imwettqa u mhux dwar il-materjalità tagħhom. Peress li l-fatti kkundannati – it-tranżazzjonijiet imsemmija fil-motivi – ma kinux ikkontestati, iżda kienet ikkontestata l-legalità tagħhom biss, ma jistax ikun ilmentat li l-Kunsill qatt ma ġab prova tal-eżistenza ta' dawn it-tranżazzjonijiet u li huwa kkonċentra biss fuq li juri n-natura illegali tagħhom fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti [23].

31. Peress li l-analiżi preċedenti ma hijiex tan-natura li turi kwalunkwe żnaturament min-naħa tal-Qorti Ġenerali, l-ewwel aggravju u l-ewwel parti tat-tieni aggravju tal-appell għandhom jiġu miċħuda. Għalhekk ma hemmx lok li l-Qorti tal-Ġustizzja terġa' tgħaddi, f'dan l-istadju tal-analiżi, fuq ir-raġunament magħmul mill-Qorti Ġenerali fil-kuntest tal-ewwel u t-tieni motivi mqajma quddiemha.

B – *Fuq it-tieni parti tat-tieni aggravju, ibbażata fuq żball ta' liġi meta l-Qorti Ġenerali kkunsidrat, b'mod żbaljat, li EIH kien jissodisfa l-kriterji ta' indikazzjoni*

1. L-argument tal-appellant

32. Permezz tat-tieni parti tat-tieni aggravju, l-appellant isostni li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat, fil-punti 121 sa 159 tas-sentenza appellata, li huwa naqas milli jistabbilixxi li t-tranżazzjonijiet kollha mwettqa mal-banek issanzjonati kienu twettqu bl-awtorizzazzjoni u bl-approvazzjoni tal-Bundesbank jew kienu eskluży mill-kamp tas-sistema ta' sanzjonijiet b'tali mod li dawn it-tranżazzjonijiet ma setgħux jiġġustifikaw l-elenkar ta' ismu fil-lista ta' persuni jew ta' entitajiet li l-assi tagħhom għandhom ikunu ffriżati.

33. L-argument li żviluppa fil-kuntest ta' din il-parti tat-tieni aggravju jirrigwarda, fl-ewwel lok, it-tranżazzjonijiet allegatament eskluży mill-kamp tal-miżuri restrittivi, fit-tieni lok, it-tranżazzjonijiet allegatament awtorizzati u fit-tielet lok, it-tranżazzjonijiet imwettqa skont il-proċedura tat-tielet rimedju.

a) Fuq it-tranżazzjonijiet allegatament eskluży mill-kamp tal-miżuri restrittivi

34. EIH jikkontesta l-fatt li l-Qorti Ġenerali qieset inammissibbli, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 44(1) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, l-argument li ċerti tranżazzjonijiet, b'mod partikolari l-pagamenti magħmula fil-kontijiet iffriżati ta' entitajiet indikati, kienu eskluży mill-kamp tal-miżuri restrittivi u ma setgħux għalhekk jikkostitwixxu ġustifikazzjoni għall-indikazzjoni tal-appellant fil-lista ta' persuni u ta' entitajiet li l-assi tagħhom għandhom ikunu ffriżati.

23 — Ara l-punti 114 sa 118 tas-sentenza appellata.

b) Fuq it-tranżazzjonijiet allegatament awtorizzati

35. Hawnhekk l-appellant isostni żball ta' liġi li wettqet il-Qorti Ġenerali meta ddeċidiet li huwa ma pproduċiex provi biżżejjed fir-rigward tal-awtorizzazzjonijiet mogħtija taħt ir-regoli tar-Regolament tal-Kunsill Nru 423/2007, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran [24] u mbagħad, għat-tranżazzjonijiet li saru wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, taħt ir-Regolament Nru 961/2010 [25]. L-appellant isostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali ma fehmitx sewwa l-kontenut ta' wieħed mill-annessi tar-rikors promotur tiegħu, li fil-verżjoni emendata tiegħu kien madankollu jinkludi l-awtorizzazzjonijiet mogħtija skont l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 423/2007 (għat-tranżazzjonijiet imwettqa bejn it-2 ta' Settembru 2010 u s-27 ta' Ottubru 2010) u dawk mogħtija skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 961/2010 (għat-tranżazzjonijiet ulterjuri). Il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tikkritika lill-appellant li ma pprovdiex awtorizzazzjonijiet fir-rigward tat-tranżazzjonijiet imwettqa qabel it-2 ta' Settembru 2010 imsemmija fl-atti kkontestati għaliex il-Bundesbank stess kien indika li ebda awtorizzazzjoni ma kienet meħtieġa għal dawn it-tranżazzjonijiet imwettqa skont il-proċedura tat-tielet rimedju relatati ma' attivitajiet antiki. Peress li l-Qorti Ġenerali kienet diġà [26] ddeċidiet li l-Kunsill ma setax jibbaża l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi fuq tranżazzjonijiet awtorizzati skont ir-Regolament Nru 423/2007 jew ir-Regolament Nru 961/2010, l-anness ipprovdut minn EIH kellu preċiżament l-iskop li juri li t-tranżazzjonijiet imsemmija mill-Kunsill fil-motivi tal-atti kkontestati u li jirrigwardaw il-perijodu ta' wara t-2 ta' Settembru 2010 kienu awtorizzati u peress li, barra minn hekk, il-Kunsill ma kienx invoka u lanqas ġab prova li kien qed jibbaża ruħu fuq tranżazzjonijiet oħra li ma kinux dawk awtorizzati. Issa, jekk huwa kien qed jibbaża ruħu biss fuq it-tranżazzjonijiet awtorizzati, huwa ma setax jiddeċiedi għall-elenkar tal-appellant fuq dan il-motiv biss. Barra minn hekk, EIH ta biss eżempji ta' awtorizzazzjonijiet skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 961/2010 għat-tranżazzjonijiet ta' wara t-2 ta' Settembru 2010, iżda t-tranżazzjonijiet kollha mwettqa skont il-proċedura tat-tielet rimedju li kienu jeħtieġu awtorizzazzjoni skont l-imsemmi artikolu kienu debitament awtorizzati. La l-Kunsill u lanqas il-Qorti Ġenerali ma talbu iktar provi u EIH ma kinitx obbligata tipprova kull awtorizzazzjoni b'xi prinċipju jew regola tad-dritt. Huwa għalhekk żbaljat li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-eżempji ta' awtorizzazzjoni pprovduti minn EIH kienu insuffiċjenti sabiex jissostanzjaw l-argument li t-tranżazzjonijiet kollha mwettqa wara t-2 ta' Settembru 2010 kienu legali.

c) Fuq it-tranżazzjonijiet imwettqa skont il-proċedura tat-tielet rimedju

36. Fl-aħħar nett, l-appellant isostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ddeċidiet li t-tranżazzjonijiet imwettqa skont il-proċedura tat-tielet rimedju huma illegali. F'dan ir-rigward, huwa jagħmel tliet serji ta' argumenti.

37. L-ewwel nett, EIH isostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ddeċidiet li l-approvazzjoni mill-Bundesbank għat-tranżazzjonijiet imwettqa minn EIH skont il-proċedura tat-tielet rimedju u li jirrigwardaw attivitajiet antiki mwettqa ma' banek issanzjonati ma kinitx legali għaliex il-Bundesbank kien ta approvazzjoni ġeneralizzata filwaqt li skont ir-Regolamenti Nri 423/2007 u 961/2010 setgħu jingħataw biss awtorizzazzjonijiet każ b'każ. Min-naħa, EIH jilmenta li l-Qorti Ġenerali qajmet dan il-punt *ex officio*, peress li l-kwistjoni tan-neċessità ta' awtorizzazzjoni każ b'każ ma kienet is-suġġett ta' ebda dibattitu bejn il-partijiet u peress li l-Kunsill kien sempliċement sostna, b'mod partikolari, li xejn ma kien jipprekludih milli jibbaża ruħu fuq aġir, anki awtorizzat, sabiex jelenka lill-appellant fil-lista ta' persuni u ta' entitajiet li l-assi tagħhom għandhom ikunu ffriżati. Min-naħa l-oħra u sussidjarjament, EIH isostni li l-approvazzjonijiet ġeneralizzati tat-tranżazzjonijiet ma humiex espliċitament eskluži mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti Nri 423/2007 u 961/2010 u

24 — ĠU L 335M, 13.12.2008, p. 969.

25 — Peress li t-tranżazzjonijiet imsemmija fil-motivi tal-atti kkontestati seħħew fl-2009 u fl-2010, in-natura legali tagħhom għandha tkun eżaminata kemm fid-dawl tar-Regolament Nru 423/2007, kif ukoll fid-dawl tar-Regolament Nru 961/2010, li daħal fis-seħħ fis-27 ta' Ottubru 2010.

26 — Ara l-punt 129 tas-sentenza appellata.

jibbaża ruħu fuq eżempji meħuda mit-Teżor Brittaniku, li jipproċedi kemm b'evalwazzjonijiet każ b'każ kif ukoll b'approvazzjonijiet ġeneralizzati. Fi kwalunkwe każ, huma l-awtoritajiet nazzjonali li huma kompetenti sabiex jiddeċiedu li ma hijiex meħtieġa awtorizzazzjoni. Meta jiddeċiedu dwar talba għall-awtorizzazzjoni skont l-Artikoli 7 u 9 tar-Regolament Nru 423/2007 jew l-Artikoli 18 u 21 tar-Regolament Nru 961/2010, dawn għandhom, l-ewwel nett, jivverfikaw jekk hijiex neċessarja awtorizzazzjoni, it-tieni nett, jevalwaw jekk l-imsemmija awtorizzazzjoni għandhiex tingħata u, fl-aħħar nett, jiddeċiedu jekk l-awtorizzazzjoni għandhiex tkun suġġett għal kundizzjonijiet. Huwa tajjeb li s-setgħa ngħatat lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jevalwaw minn qabel jekk pereżempju l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 423/2007 japplikax u jekk waħda minn dawn l-awtoritajiet nazzjonali tiddeċiedi li dan ma huwiex il-każ, dan ifisser li ebda awtorizzazzjoni ma hija meħtieġa u l-awtorità għandha titqies li hija tat l-approvazzjoni tagħha. Hija tinforma b'dan lill-operatur ekonomiku u huwa mbagħad jibbenefika mill-istess protezzjoni daqs li kieku rċieva l-awtorizzazzjoni, jiġifieri ma jibqax jirriskja l-indikazzjoni għat-tranżazzjoni kkonċernata. Il-Kunsill ma jistax għalhekk jimponi miżuri restrittivi minħabba tranżazzjonijiet imwettqa konformement ma' proċedura approvata minn awtorità nazzjonali meta l-approvazzjoni taqa' fil-kamp tal-kompetenzi tal-imsemmija awtorità, kemm jekk tkun skont ir-Regolament Nru 423/2007 kif ukoll jekk tkun skont ir-Regolament Nru 961/2010. Barra minn hekk, la l-Kunsill u lanqas il-Kummissjoni fl-ebda mument ma qalu li l-Bundesbank kien żbaljat, u lanqas ma talbu li huwa jirtira l-awtorizzazzjoni tiegħu. Kien minn jeddu li l-Bundesbank, wara s-sentenza appellata, indika bdil fil-prattika tiegħu u beda jeħtieġ li t-talbiet għal awtorizzazzjoni jkunu issa ppreżentati għal tranżazzjonijiet imwettqa skont il-proċedura tat-tielet rimedju. Għaldaqstant, l-indikazzjoni ta' EIH minħabba tranżazzjonijiet imwettqa skont il-proċedura tat-tielet rimedju hija illegali. Billi waslet għal konklużjoni kuntrarja abbażi ta' allegata illegalità tal-approvazzjonijiet ġeneralizzati u billi ddeċidiet li tali evalwazzjonijiet ma setgħux jorbtu lill-Kunsill, il-Qorti Ġenerali wettqet żball gravi.

38. It-tieni nett, EIH isostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball billi kkonkludiet li l-awtorizzazzjonijiet mogħtija mill-Bundesbank skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 961/2010 ma kinux jikkonfermaw il-legalità tat-tranżazzjonijiet imwettqa skont il-proċedura tat-tielet rimedju. Jekk inhu tajjeb li jiġi ddikjarat, bħalma għamlet il-Qorti Ġenerali, li l-entitajiet mhux indikati għandhom jiżguraw il-legalità tat-tranżazzjonijiet imwettqa skont il-proċedura tat-tielet rimedju billi jitolbu, jekk ikun il-każ, l-awtorizzazzjonijiet neċessarji skont l-Artikoli 16 sa 19 u 21 tar-Regolament Nru 961/2010 u li l-awtorizzazzjonijiet miksuba skont l-imsemmi Artikolu 21, li jikkostitwixxi eċċezzjoni għall-prinċipju tal-iffriżar ta' fondi, jiżguraw lill-operatur ekonomiku mill-konformità mar-regolament tat-tranżazzjoni prevista, it-trasferimenti mwettqa b'dan il-mod ma jistgħux jippermettu evażjoni tal-miżuri restrittivi, kif jipprojbixxi l-Artikolu 16(4) tar-Regolament Nru 961/2010. Fid-dawl ta' dan, wieħed ma jistax jikkritika operatur ekonomiku, wara li jkun żvela kompletament id-dettalji tat-tranżazzjoni prevista lill-awtorità nazzjonali kompetenti sabiex tingħata l-awtorizzazzjoni u wara li jkun kiseb l-awtorizzazzjoni neċessarja, b'"parteċipazzjoni, konxja u intenzjonata, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom hu, direttament jew indirettament, l-evażjoni tal-miżuri" ta' ffriżar ta' fondi. Il-Kunsill ma setax għalhekk jibbaża ruħu fuq it-tranżazzjonijiet awtorizzati skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 961/2010 sabiex jadotta l-miżuri restrittivi kontra l-appellant, u peress li huwa ma ddikjarax li bbaża ruħu fuq tranżazzjonijiet oħra li ma humiex dawk awtorizzati, l-ewwel sat-tielet eżempju tal-motivi għandhom jitqiesu li huma vvizzjati b'illegalità.

39. Fit-tielet lok u essenzjalment, l-appellant jerġa' min-naħa jilmenta li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li huwa pparteċipa b'mod "konxju u intenzjonat" f'attività li l-għan u l-effett tagħha kienu li jiġu evitati l-miżuri restrittivi. Huwa jsostni li dan l-element tqajjem *ex officio* mill-Qorti Ġenerali mingħajr ma kien diskuss bejn il-partijiet. Sussidjarjament, huwa jsostni li, ladarba t-tranżazzjonijiet l-ewwel nett ma kinux jeħtieġu awtorizzazzjonijiet, it-tieni nett kienu approvati u, it-tielet nett kienu awtorizzati skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 961/2010, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tiddeċiedi li l-parteċipazzjoni ta' EIH f'manuvra għall-evażjoni tal-miżuri restrittivi kienet "konxja u intenzjonata", kif jeħtieġ madankollu, għall-finijiet ta' elenkar, l-Artikolu 16(4) tar-Regolament Nru 961/2010, iktar u iktar meta EIH kien irċieva assigurazzjoni mill-Bundesbank dwar il-legalità tat-tranżazzjonijiet ikkonċernati. Ma jistax jiġi rikjest minn EIH li jipprova li huwa ma kisirx l-Artikolu 16(4) tal-imsemmi

regolament. EIH lanqas ma jista' jiġi kkritikat li ma talabx iktar informazzjoni mill-Bundesbank, fir-rigward tat-tranżazzjonijiet previsti. Fil-fatt, din l-allegazzjoni, magħmula għall-ewwel darba fis-sentenza appellata, tqajmet *ex officio* mingħajr ebda dibattitu bejn il-partijiet. Barra minn hekk, EIH kien irċieva parir espert mingħand awtorità nazzjonali kompetenti, f'dan il-każ il-Bundesbank, li kkonferma diversi drabi l-pożizzjoni tiegħu. EIH kien f'kuntatt regolari miegħu, li kien barra minn hekk ipprovat ukoll, iżda l-Qorti Ġenerali evalwat il-kronoloġija tal-iskambji mal-Bundesbank b'mod manifestament żbaljat. L-obbligu ta' sorveljanza impost fuq l-appellant japplika fir-rigward ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi Iranjani iżda ċertament mhux fir-rigward ta' informazzjoni u assigurazzjonijiet mogħtija mill-Bundesbank stess. Min-naħa l-oħra, l-appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali ċaħdet, b'mod żbaljat, bħala provi tliet ittri tal-bank nazzjonali Awstrijak prodotti minn EIH, minkejja li jikkonfermaw il-pożizzjoni tal-Bundesbank fir-rigward tat-tranżazzjonijiet imwettqa skont il-proċedura tat-tielet rimedju fir-rigward ta' attivitajiet antiki u minkejja li jirriżulta mill-imsemmija ittri li l-Kunsill stess, l-Istati Membri u s-servizz legali tal-Kummissjoni Ewropea kienu jaqblu ma' din il-pożizzjoni. Fl-aħħar nett, l-appellant jikkontesta l-konklużjonijiet li għamlet il-Qorti Ġenerali mir-rapporti ta' kontabbiltà li huwa invoka. B'hekk il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tqabbel is-saħħa probatorja tal-imsemmija rapporti għar-raġuni li dawn huma bbażati biss fuq analiżi ta' kampjun ta' tranżazzjonijiet minkejja li din hija prassi stabbilita f'dan il-qasam. Il-Qorti Ġenerali naqset ukoll milli tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li żewġ superviżuri tal-Bundesbank kienu *in situ*, fi ħdan EIH, sabiex jagħmlu rapporti regolari lill-awtorità federali ta' sorveljanza finanzjarja. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali sempliċement irrilevat li wieħed mir-rapporti kien jenfasizza espressament li t-tranżazzjonijiet imwettqa fil-kuntest tal-proċedura tat-tielet rimedju setgħu jikkompromettu l-għanijiet tal-politika ta' sanzjoni tal-Unjoni [27], minkejja li dan l-istess rapport kien jiddikjara, madankollu, li "fir-rigward tal-konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet segwenti u bla ħsara għall-possibbiltà ta' verifiki addizzjonali f'każijiet individwali, nikkunsidraw li l-proċeduri mwettqa minn EIH sabiex josserva r-regoli ta' sanzjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti legali" [28] [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Il-konklużjonijiet fattwali magħmula mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tar-rapporti ta' kontabbiltà għandhom għalhekk jiġu annullati, għaliex huma inkompatibbli mad-dokumenti ppreżentati fil-proċess u, għalhekk huma fundamentalment ineżatti. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ddeċidiet li l-proċedura tat-tielet rimedju tikser il-projbizzjoni ta' evażjoni tal-miżuri restrittivi prevista fl-Artikolu 16(4) tar-Regolament Nru 961/2010.

40. Għar-raġunijiet preċedenti kollha, l-appellant isostni li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat li huwa kien jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 961/2010 sabiex ikun jista' jkun suġġett għall-miżuri restrittivi.

2. Analiżi

a) Fuq it-tranżazzjonijiet allegatament eskluży mill-kamp tal-miżuri restrittivi

41. Mill-punti 145 u 146 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali, li ddeċidiet li l-appellant illimita ruħu li jsostni li wħud mit-tranżazzjonijiet kienu eskluży mill-kamp tal-miżuri restrittivi, mingħajr ma sostna l-argument tiegħu f'dan ir-rigward, ikkunsidrat dan l-argument inammissibbli skont l-Artikolu 44(1) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha. Barra minn hekk, wara li kisbet preċiżjonijiet min-naħa tal-appellant waqt is-seduta, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-argument li l-approvazzjoni mogħtija mill-Bundesbank kienet ibbażata fuq il-fatt li huwa kien jikkunsidra t-tranżazzjonijiet imwettqa skont il-proċedura tat-tielet rimedju eskluży mill-kamp tal-miżuri restrittivi għandu jkun analizzat fil-kuntest tal-eżami tat-tranżazzjonijiet allegatament approvati u mwettqa skont l-imsemmija proċedura.

27 — Ara l-punt 156 tas-sentenza appellata.

28 — L-appellant jibbaża ruħu, hawnhekk, fuq il-punt 151 tar-rapport tat-23 ta' Diċembru 2010 tal-kumpannija ta' konsulenza (ara l-punt 85 tal-appell).

42. Jiena naqbel mal-analiżi tal-Qorti Ġenerali.

43. Fil-fatt, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, skont l-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, is-suġġett tat-tilwima u l-espożizzjoni sommarja tal-motivi invokati jikkostitwixxu żewġ indikazzjonijiet essenzjali li għandhom jiġu inklużi fir-rikors promotur u li l-indikazzjonijiet tas-suġġett tat-tilwima u l-espożizzjoni sommarja tal-motivi invokati inklużi fl-imsemmi rikors għandhom ikunu preċiżi biżżejjed biex jippermettu lill-qorti tal-Unjoni teżerċita l-istħarriġ tagħha [29]. Għalhekk, motiv li jirrigwarda l-legalità tal-mertu tad-deċiżjoni kkontestata ma jistax, fil-prinċipju, ikun analizzat ħlief jekk ikun ġie invokat [30].

44. F'dan ir-rigward, ser nikkonstata biss li r-rikors ippreżentat lill-Qorti Ġenerali jinvoka l-eżempju ta' pagamenti magħmula f'kontijiet iffriżati indikati fil-kuntest ta' nota ta' qiegħ il-paġna [31] biss. L-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 423/2007 li EIH donnu jibbaża l-argument tiegħu fuqu fil-kuntest tal-appell ma huwiex, jekk minix żbaljat, imsemmi la fir-rikors u lanqas fir-risposta ppreżentata mill-appellant fil-kuntest tal-proċedura fl-ewwel istanza. L-ekwivalenti tiegħu fir-Regolament Nru 961/2010, jiġifieri l-Artikolu 20 tal-imsemmi regolament [32], huwa ċċitat biss fil-parti tar-rikors iddedikata għad-deskrizzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni [33]. Fi kwalunkwe każ, EIH lanqas ma identifika t-tranżazzjonijiet li, fil-fehma tiegħu, setgħu jaqgħu fil-kamp ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet. Huwa semma biss, mingħajr ebda preċiżjonijiet, it-tranżazzjonijiet "eskluži mil-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-miżuri restrittivi kontra l-Iran" fil-punt 42 tar-rikors tiegħu [34].

45. F'dawn iċ-ċirkustanzi, bilfors għandu jiġi kkonstatat li r-rikors ta' EIH ippreżentat lill-Qorti Ġenerali ma kien jinkludi ebda motiv, parti u lanqas argument magħmul propjament abbażi tat-teorija li t-tranżazzjonijiet imwettqa fil-kontijiet iffriżati tal-entitajiet indikati kienu barra mill-kamp tal-miżuri restrittivi.

46. Għalhekk il-Qorti Ġenerali ġustament qieset l-argument bħala inammissibbli skont l-Artikolu 44(1) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha.

b) Fuq it-tranżazzjonijiet allegatament awtorizzati

47. Fl-ewwel lok, l-argument tal-appellant fuq dan il-punt jikkontesta l-evalwazzjoni mill-Qorti Ġenerali tal-Anness A19 tar-rikors promotur ippreżentat mill-appellant u li, infakkar [35], kien jinkludi lista ta' tranżazzjonijiet imwettqa minn EIH bejn is-snin 2010 u 2011 mal-banek imsemmija fil-motivi tal-atti kkontestati [36], kif ukoll tal-Anness A20 tiegħu, li kien jipprovdi, b'mod partikolari, għaxar eżempji ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija lil EIH abbażi tal-Artikolu 21(4) tar-Regolament Nru 961/2010 [37].

29 — Sentenza Franza vs Il-Kummissjoni (C-559/12 P, EU:C:2014:217, punti 38 u 39).

30 — Sentenza Rousse Industry vs Il-Kummissjoni (C-271/13 P, EU:C:2014:175, punt 18).

31 — Ara n-noti ta' qiegħ il-paġna 6 u 37 tar-rikors promotur.

32 — Essenzjalment, mill-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 423/2007 u mill-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 961/2010 jirriżulta li l-obbligu tal-iffriżar ta' fondi ta' persuni u ta' entitajiet indikati ma jipprekludix lill-istituzzjonijiet finanzjarji milli jikkreditaw il-kontijiet iffriżati meta jirċievu fondi mingħand terzi bil-kundizzjoni li dawn il-krediti jiġu ffriżati wkoll. L-istess japplika għaż-żieda fil-kontijiet iffriżati fil-forma ta' imgħaxijiet, ta' remunerazzjonijiet tal-imsemmija kontijiet jew anki ta' pagamenti favur il-persuna jew l-entità indikata magħmula skont kuntratti, ftehimiet jew obbligi li ġew konklużi qabel l-indikazzjoni tal-imsemmija persuna jew entità. Mill-banda l-oħra, meta pagament ikun dovut minn persuna jew entità indikata skont kuntratt, ftehim jew obbligu konkluż qabel l-indikazzjoni tagħha, ir-rilaxx ta' fondi jista' jkun awtorizzat fil-kundizzjonijiet stretti previsti mill-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 423/2007 u mill-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 961/2010.

33 — Ara l-punt 15 tal-imsemmi rikors.

34 — Biex jingħad kollox, huwa għamel riferiment ukoll fil-punt 7 tal-imsemmi rikors, liema punt huwa biss preżentazzjoni tat-titolu tad-diversi motivi tar-rikors.

35 — Ara l-punt 29 ta' dawn il-konklużjonijiet.

36 — Ara l-punt 29 ta' dawn il-konklużjonijiet.

37 — Dwar dan l-artikolu, ara l-punti 61 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

48. Skont il-prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza mfakkra iktar ’il fuq [38], l-iżnaturament tal-provi, sabiex ikun ikkonfermat fil-kuntest ta’ appell, għandu jidher b’mod ċar mill-atti tal-proċess, mingħajr ma jkun meħtieġ li ssir evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi.

49. Ser nillimita ruħi sabiex nikkonstata biss li ż-żewġ tranżazzjonijiet l-iktar qodma allegatament awtorizzati u ppreżentati fl-Anness huma datati s-27 ta’ Lulju 2010 u s-6 ta’ Ottubru 2010 rispettivament, u t-tranżazzjonijiet l-oħra kollha seħħew wara s-27 ta’ Ottubru 2010, id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 961/2010. Issa, min-naħa, tal-inqas wieħed mill-eżempji msemmija mill-Kunsill fil-motivi tal-atti kkontestati jirreferi għat-tranżazzjonijiet li seħħew fl-2009, u min-naħa l-oħra, l-imsemmija motivi jirreferu għal tranżazzjonijiet li seħħew mhux biss fl-“2009”, iżda wkoll “kmieni f’Awwissu 2010”, f’“Awwissu 2010” u f’“Ottubru 2010”, perijodi li fihom hija magħrufa tranżazzjoni waħda. Għaldaqstant, wara qari tal-imsemmi Anness A20 ipprovdut minn EIH, bilfors għandu jiġi kkonstatat, kif ġustament irrilevat il-Qorti Ġenerali, li l-eżempji ta’ awtorizzazzjoni, huma kollha wara l-1 ta’ Lulju 2011 [39].

50. Din l-offerta ta’ provi parzjali biss tista’ għalhekk ġustament tkun deċiża mill-Qorti Ġenerali li ma hijiex suffiċjenti sabiex tistabbilixxi li t-tranżazzjonijiet *kollha* previsti fil-motivi tal-atti kkontestati datati 2009 u 2010 kienu legali.

51. Fit-tieni lok, l-argument tal-appellant huwa bbażat fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata. Ir-raġunament ta’ din tal-aħħar jista’ jiġi deskritt fil-qosor kif ġej. Peress li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kunsill ma jistax jibbaża l-adozzjoni ta’ miżuri restrittivi fuq tranżazzjonijiet awtorizzati, kien ikun suffiċjenti li EIH iġib prova li t-tranżazzjonijiet previsti fil-motivi kienu ġew awtorizzati sabiex l-illegalità tal-elenkar tiegħu fil-lista ta’ persuni u ta’ entitajiet li l-assi tagħhom għandhom jiġu ffriżati tkun ikkonstatata. Issa, il-pożizzjoni tal-Qorti Ġenerali fiha iktar sfumaturi peress li, fil-fehma tagħha, tranżazzjoni awtorizzata tista’ sservi bħala bażi tal-adozzjoni ta’ miżuri restrittivi biss meta l-awtorizzazzjoni tingħata *b’konformità sħiħa* mar-regolament ikkonċernat [40]. Għalhekk, is-sempliċi produzzjoni ta’ awtorizzazzjonijiet, ma hijiex, fi kwalunkwe każ, suffiċjenti sabiex jingħata xi tip ta’ ċertifikat ta’ legalità lit-tranżazzjonijiet ikkonċernati. Ser nerġa’ lura fuq dan il-punt meta neżamina l-argumenti tal-appellant iddedikati lit-tranżazzjonijiet imwettqa skont il-proċedura tat-tielet rimedju.

c) Fuq it-tranżazzjonijiet imwettqa skont il-proċedura tat-tielet rimedju

i) Fuq il-legalità tal-approvazzjonijiet ġeneralizzati

52. Hemm lok li jiġi miċħud mill-bidu nett l-argument tal-appellant li permezz tiegħu jilmenta li l-Qorti Ġenerali qajmet *ex officio* u mingħajr dibattitu bejn il-partijiet il-kwistjoni dwar jekk awtorizzazzjoni każ b’każ hijiex neċessarja għal kull tranżazzjoni inkwistjoni, minflok approvazzjoni ġeneralizzata. EIH jirrikonoxxi huwa stess fit-tweġiba bil-miktub għal mistoqsija magħmula lilu mill-Qorti Ġenerali u fformulata kif ġej: “[f]id-dawl tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament [Nru 423/2007], liema huwa fl-opinjoni tiegħek il-valur legali ta’ approvazzjoni, minn awtorità nazzjonali kompetenti, ta’ proċedura, bħal proċedura ‘tat-tielet rimedju’ […]?” Minn din il-formulazzjoni jirriżulta b’mod ċar li l-Qorti Ġenerali ġibdet sew l-attenzjoni fuq il-fatt li din kienet tirrigwarda approvazzjoni ta’ proċedura u mhux ta’ tranżazzjonijiet individwali, iżolati. Kif innota l-Kunsill, il-partijiet kellhom għalhekk l-opportunità sħiħa sabiex jieħdu pożizzjoni dwar dan il-punt. Barra minn hekk, it-tweġibiet bil-miktub għal din il-mistoqsija kienu riċevuti mill-Qorti Ġenerali u kkomunikati lill-partijiet fix-xahar ta’ Jannar 2013 filwaqt li s-seduta nżammet quddiemha fl-

38 — Ara l-punti 25 u 27 ta’ dawn il-konklużjonijiet.

39 — Ara l-punt 147 tas-sentenza appellata.

40 — Ara l-punt 129 tas-sentenza appellata. L-appellant iqis manifestament eżatta din id-dikjarazzjoni li tinsab fis-sentenza appellata (ara l-punt 44 tal-appell).

20 ta' Frar 2013. Fi kliem ieħor, EIH seta' mill-ġdid ħa l-okkażjoni ta' dan il-forum sabiex jiddiskuti l-valur legali ta' approvazzjoni u jiddiskuti speċifikament dwar jekk "approvazzjoni" tistax titqies li hija deċiżjoni individwali tal-awtoritajiet nazzjonali fis-sens tar-Regolament Nru 423/2007, dak li kien ikkontesta l-Kunsill fit-tweġiba bil-miktub tiegħu għal mistoqsija magħmula mill-Qorti Ġenerali.

53. Rigward il-mertu tal-problema, għandu jiġi kkonstatat li l-analiżi tal-Qorti Ġenerali hija eżenti minn żball ta' liġi. Indur lura għal ftit fuq il-formulazzjoni u l-ispirtu tar-Regolamenti Nri 423/2007 u 961/2010.

54. Dawn iż-żewġ regolamenti jistabbilixxu l-prinċipju ta' ffriżar ta' fondi ta' persuni u ta' entitajiet indikati [41] qabel ma jipprevedu mbagħad, b'mod derogatorju, u għalhekk eċċezzjonali, każijiet differenti ta' rilaxx ta' dawn il-fondi [42]. Dawn id-derogi "jistgħu" [43] jkunu awtorizzati mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti [44], li l-missjoni tagħhom hija li jivverifikaw li kull kundizzjonijiet meħtieġa għar-rilaxx hija ssodisfatta.

55. Essenzjalment, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' tawtorizza r-rilaxx jekk fondi jkunu dovuti skont privileġġ jew deċiżjoni amministrattiva, ġudizzjarja jew arbitrali ta' qabel ċerta data [45] jew jekk pagament ikun dovut skont kuntratt, ftehim jew obbligu konkluż mill-entità kkonċernata qabel l-indikazzjoni tagħha [46] jew anki meta r-rilaxx ikollu jissodisfa l-ħtiġijiet bażiċi ta' persuna, il-ħlas ta' onorarji, il-pagament ta' miżati għaż-żamma jew il-manutenzjoni ta' kontijiet jew għal spejjeż straordinarji [47]. Minn dawn id-dispożizzjonijiet kollha jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jissuġġetta kull tranżazzjoni prevista għal awtorizzazzjoni individwali, peress li d-dispożizzjonijiet jipprevedu "il-" ħlas [48] jew "l-"awtorizzazzjoni [49]. Barra minn hekk, il-ħruġ ta' awtorizzazzjoni, peress li tikkostitwixxi eċċezzjoni għall-prinċipju ta' ffriżar ta' fondi, teħtieġ li l-awtorità nazzjonali kompetenti tiżgura li r-rilaxx previst jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa mir-regolament. Evalwazzjoni każ b'każ hija għalhekk, evidentement, neċessarja.

56. Għalhekk il-Qorti Ġenerali ġustament iddeċidiet, fil-punt 128 tas-sentenza appellata li l-Artikoli 8 sa 10 tar-Regolament Nru 423/2007 u l-Artikoli 17 sa 19 tar-Regolament Nru 961/2010 "ma jippermettux lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jagħtu approvazzjoni ġeneralizzata għal ċerta kategorija ta' tranżazzjonijiet li għalihom l-entitajiet ikkonċernati jkunu, għalhekk, eżenti milli jitolbu awtorizzazzjonijiet każ b'każ".

57. Madankollu EIH isostni li dawn l-approvazzjonijiet ġeneralizzati ma humiex espliċitament eskluż miż-żewġ regolamenti kkonċernati u li hija prassi stabbilita segwita minn awtoritajiet nazzjonali oħra minbarra l-Bundesbank, b'mod partikolari mit-Teżor Brittaniku. Issa, minn naħa, fir-rigward ta' eċċezzjoni għall-prinċipju ta' ffriżar ta' fondi, li min-natura tagħha għandha tingħata interpretazzjoni stretta, wieħed ma jistax isostni li dak li ma huwiex espliċitament eskluż huwa awtorizzat. Min-naħa l-oħra, minbarra li l-argument u l-produzzjoni ta' provi fir-rigward tal-prattika tat-Teżor Brittaniku huma tardivi, għaliex dawn ma ġewx ippreżentati lill-Qorti Ġenerali għalkemm EIH kellu kull opportunità li jippreżentahom b'mod partikolari fil-kuntest tat-tweġiba bil-miktub tiegħu għal

41 — Artikoli 7 tar-Regolament Nru 423/2007 u 16 tar-Regolament Nru 961/2010.

42 — Artikoli 8 sa 10 tar-Regolament Nru 423/2007 u 17 sa 19 tar-Regolament Nru 961/2010.

43 — Artikoli 8 sa 10(1) tar-Regolament Nru 423/2007 u 17 sa 19(1) u (2) tar-Regolament Nru 961/2010.

44 — L-Anness III tar-Regolament Nru 423/2007 jistabbilixxi l-lista ta' siti tal-internet nazzjonali li fihom hemm disponibbli informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti b'mod partikolari dawk imsemmija fl-Artikoli 8 sa 10 tal-imsemmi regolament. L-Anness V tar-Regolament Nru 961/2010 jipprovdi l-istess informazzjoni fir-rigward tal-awtoritajiet responsabbli mill-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet meħtieġa skont l-Artikoli 17 sa 19 u 21 tal-imsemmi regolament.

45 — Artikoli 8 tar-Regolament Nru 423/2007 u 17 tar-Regolament Nru 961/2010.

46 — Artikoli 9 tar-Regolament Nru 423/2007 u 18 tar-Regolament Nru 961/2010.

47 — Artikoli 10 tar-Regolament Nru 423/2007 u 19 tar-Regolament Nru 961/2010.

48 — Artikoli 9 *ab initio* u 9(a)(i) u (iii) tar-Regolament Nru 423/2007 kif ukoll 18 *ab initio* u 18(a)(i) u (iii) tar-Regolament Nru 961/2010.

49 — Artikoli 10(1)(b) u 10(2)(a) u (b) tar-Regolament Nru 423/2007 kif ukoll 19(1)(b) u 19(2)(a) u (b) tar-Regolament Nru 961/2010.

mistoqsija magħmula mill-Qorti Ġenerali [50], jibqa' mhux effettiv li jiġu invokati prattiċi nazzjonali bħala bażi għall-interpretazzjoni ta' att Komunitarju. Ninnota wkoll li r-Renju Unit stess, fil-proċedura bil-miktub tiegħu, ipoġġi f'dubju li l-prattika tat-Teżor tiegħu stess, kif ġiet invokata mill-appellant, għandha bażi legali identika għal dik tal-prattika tal-Bundesbank inkwistjoni fil-kuntest ta' dan l-appell.

58. Għalkemm xejn ma jipprekludi lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti milli jagħtu approvazzjonijiet ġeneralizzati fir-rigward, jekk ikun il-każ, ta' ċerti proċeduri li permezz tagħhom jitwettqu tranżazzjonijiet finanzjarji, dawn l-approvazzjonijiet la jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti Nri 423/2007 u 961/2010 u lanqas fil-missjoni li ġiet fdata lill-imsemmija awtoritajiet f'dan il-kuntest mil-leġiżlatur tal-Unjoni. Issa, kif ġie ġustament irrilevat mill-Qorti Ġenerali, awtorizzazzjoni mogħtija minn awtorità nazzjonali kompetenti *b'konformità sħiħa* maż-żewġ regolamenti kkonċernati biss tista', fil-prinċipju, tipprekludi lill-Kunsill milli jibbaża ruħu fuq tranżazzjoni hekk awtorizzata sabiex jadotta miżuri restrittivi kontra l-entità li twettaq l-imsemmija tranżazzjoni [51]. Jiena nżid ngħid, kif għamlet il-Qorti Ġenerali, li madankollu din ma hijiex garanzija assoluta, peress li d-deċiżjoni tal-awtorità nazzjonali ma għandhiex effett awtomatiku li tagħti lit-tranżazzjoni awtorizzata ċertifikat ta' legalità fir-rigward tar-regoli stabbiliti fil-kuntest legali tas-sistema ta' miżuri restrittivi. Fil-fatt, ma għandux jintesa li l-awtoritajiet nazzjonali, meta jiddeċiedu dwar talba għal awtorizzazzjoni, jista' jkollhom biss informazzjoni parzjali u wieħed jista' jimmaġina li entità li tagħmel tali talba taħbi ċerta informazzjoni dwar it-tranżazzjoni prevista sabiex tikseb l-awtorizzazzjoni.

59. Għal din ir-raġuni b'mod partikolari, iżda wkoll ikkunsidrati l-kwistjonijiet preżenti – il-ġlieda kontra l-proliferazzjoni nukleari fl-Iran – is-setgħa tal-Kunsill li jiddeċiedi li jimponi miżuri restrittivi – jiġifieri li jiddeċiedi jekk il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 423/2007 jew fl-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 961/2010 humiex issodisfatti – ma tiddependix totalment fuq l-eżerċizzju, mill-awtoritajiet nazzjonali, tas-setgħa tagħhom li jawtorizzaw ir-rilaxx ta' fondi abbażi tal-Artikoli 8 sa 10 tar-Regolament Nru 423/2007 u l-Artikoli 17 sa 19 tar-Regolament Nru 961/2010.

60. Għalhekk, EIH ma jistax jallega li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ma kkonkluditx li t-tranżazzjonijiet imwettqa skont il-proċedura tat-tielet rimedju kienu legali għall-unika raġuni li l-Bundesbank kien approvahom b'mod ġenerali u ġġeneralizzat, u billi ddeċidiet li l-Kunsill seta', ġustament, jibbaża l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi kontra l-appellant fuq dawn it-tranżazzjonijiet hekk approvati.

ii) Fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 961/2010

61. Rigward l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 961/2010, dispożizzjoni mingħajr ekwivalenti fir-Regolament Nru 423/2007, l-adozzjoni tiegħu taqa' fil-loġika tat-tisħiħ tas-sorveljanza finanzjarja, imħabbra fir-Riżoluzzjoni 1803 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u kkonkretizzata fir-Riżoluzzjoni 1929 (2010) tal-istess Kunsill li permezz tagħha ġew implementati miżuri iktar severi. L-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 961/2010 jissuġġetta għal mekkaniżmu ta' sorveljanza ġenerali kull trasferiment ta' fondi lill-persuna jew entità Iranjana jew mingħandhom. Skont l-ammont tat-trasferiment u l-użu finali tiegħu, l-imsemmi trasferiment huwa suġġett għal sempliċi notifikazzjoni jew awtorizzazzjoni minn qabel mogħtija mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Għall-kuntrarju tal-Artikoli 17 sa 19 tal-imsemmi regolament, il-proċedura tat-talba għal awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 21 tiegħu tagħmel enfasi fuq entità stabbilita fit-territorju tal-Unjoni li tixtieq twettaq trasferiment ta' fondi favur entitajiet mhux indikati, jiġifieri li l-assi tagħhom ma kinux iffriżati skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 961/2010, jew tirċievi fondi mingħand dawn tal-aħħar.

50 — Ara l-punt 52 ta' dawn il-konklużjonijiet.

51 — Ara l-punt 129 tas-sentenza appellata.

62. Minħabba n-natura speċjali tagħhom, it-tranżazzjonijiet imwettqa skont din il-proċedura tat-tielet rimedju jistgħu jkunu s-suġġett ta' talba għal awtorizzazzjoni abbażi tal-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 961/2010, iktar u iktar jekk l-intervent fil-proċess tal-entità indikata kkonċernata ma jitqajjimx. Madankollu, fi kwalunkwe każ, wieħed ma jistax juża l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 961/2010 sabiex jevadi l-eċċezzjonijiet stretti għall-prinċipju tal-iffriżar ta' fondi previsti fl-Artikoli 17 sa 19 tal-imsemmi regolament. Issa, min-natura tal-istess proċedura tat-tielet rimedju jirriżulta li hija għandha "bħala għan li [twettaq] tranżazzjonijiet finanzjarji li jinteressaw lil entitajiet *indikati* peress li huma kellhom jippermettu, b'mod partikolari, li jiġu eżegwiti obbligi preċedenti tal-banek Iranjani *indikati*" [52]. EIH ma jikkontestax din id-definizzjoni, għaliex hija l-istess li huwa pprovda lill-Qorti Ġenerali u għaliex hija l-istess bħal ma ġiet imfakkra diversi drabi, fil-kuntest tal-appell, li t-tranżazzjonijiet kienu jirrigwardaw attivitajiet qodma ta' entitajiet indikati. Għalhekk, għal tali tranżazzjonijiet, lanqas ma huwa l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 961/2010 li kellu jintuża, iżda għall-kuntrarju, waħda mid-dispożizzjonijiet iddedikati għar-rilaxx tal-assi ffriżati ta' entitajiet indikati – f'dan il-każ, ikkunsidrat l-għan tat-trasferiment inkwistjoni, l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 961/2010. Huwa għalhekk ġust li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li t-tranżazzjonijiet allegatament imwettqa skont il-proċedura tat-tielet rimedju, sa fejn għandhom l-effett li jevitaw ċertu numru ta' tranżazzjonijiet mir-regoli stabbiliti mill-Artikoli 17 sa 19 tar-Regolament Nru 961/2010, li huma ferm iktar restrittivi mis-sistema implementata mill-Artikolu 21 tal-imsemmi regolament, huma ta' natura li jiksru l-Artikolu 16(4) tar-Regolament Nru 961/2010 għaliex jippermettu l-evażjoni tal-iffriżar ta' fondi ta' entitajiet indikati [53].

63. Fil-fatt il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-projbizzjoni ta' evażjoni prevista fl-Artikolu 7(4) tar-Regolament Nru 423/2007 – ekwivalenti eżatt għall-Artikolu 16(4) tar-Regolament Nru 961/2010 – "għandha […] tinftiehem bħala li tkopri l-attivitajiet li minnhom jirriżulta, fuq il-bażi ta' elementi oġġettivi, li, taħt l-apparenza formali li twassal sabiex jevitaw l-elementi kostituttivi ta' ksur tal-[projbizzjoni li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni fondi], huma xorta waħda għandhom, bħala tali jew minħabba r-rabta eventwali tagħhom ma' attivitajiet oħra, bħala għan jew bħala riżultat, direttjew indirett, li jevadu l-projbizzjoni [li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni fondi]" [54].

64. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għall-istess raġunijiet invokati iktar 'il fuq [55], operatur ekonomiku ma jistax jinħeba wara awtorizzazzjoni mogħtija minn awtorità nazzjonali u bbażata fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 961/2010 meta l-proċedura mfissra fl-imsemmi artikolu tkun ġiet distorta mill-għan inizjali tagħha, u tirrendi għalhekk l-imsemmija awtorizzazzjoni mhux konformi mar-regolament.

65. EIH ikkontesta, fl-istadju tal-appell, li huwa jista' jkun ikkunsidrat li fis-sens tal-Artikolu 16(4) tar-Regolament Nru 961/2010, huwa pparteċipa b'mod "konxju u intenzjonat" f'attivitajiet li għandhom l-għan direttjew indirett li jevitaw l-miżuri ta' ffriżar ta' fondi.

66. Dan l-argument relattiv għall-"element psikoloġiku" [56] jew "l-element suġġettiv tal-parteċipazzjoni stabbilita" fl-imsemmi artikolu [57] jidhirli li huwa tardiv, peress li jidhirli li EIH ma kkontestax b'mod partikolari dan il-punt quddiem il-Qorti Ġenerali minkejja li, għalkemm jallega li huwa ma kienx jaf il-bażi tal-elenkar tiegħu fil-lista ta' persuni jew ta' entitajiet li l-assi tagħhom għandhom jiġu ffriżati, jirriżulta b'mod ċar mill-motivi tal-atti kkontestati li huwa kien ikkritikat li "ta assistenza lil numru ta' banek Iranjani permezz ta' għażliet alternattivi għall-ikkompletar tat-tranżazzjonijiet interrotti mis-sanzjonijiet tal-UE", li ta assistenza sabiex "jiġu evitati sanzjonijiet tal-Unjoni" u fl-"evażjoni

52 — Punt 150 tas-sentenza appellata. Korsiv miżjud minni. Ara wkoll id-definizzjoni pprovduta mill-appellant tal-proċedura tat-tielet rimedju fil-punt 51 tas-sentenza appellata u mfakkra fil-punt 10 ta' dawn il-konklużjonijiet.

53 — Ara l-punt 150 tas-sentenza appellata.

54 — Sentenza Afrasiabi *et* (C-72/11, EU:C:2011:874, punt 62).

55 — Ara l-punt 58 ta' dawn il-konklużjonijiet.

56 — Ara l-punt 78 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Afrasiabi *et* (C-72/11, EU:C:2011:737).

57 — Sentenza Afrasiabi *et* (EU:C:2011:874, punt 63).

tas-sanzjonijiet", tant elementi li juru li huwa kien ikkritikat bl-evażjoni tal-iffriżar ta' fondi ta' entitajiet indikati. Fuq il-mertu, ser nirrimarka biss, bi qbil mal-Qorti Ġenerali, li EIH huwa istituzzjoni finanzjarja, stabbilit fit-territorju tal-Unjoni, speċjalizzat fis-servizzi u fl-attivitajiet li jirrigwardaw l-Iran jew fl-Iran, u għalhekk doppjament informat bid-diversi miżuri adottati fil-livell tal-Unjoni u bl-obbligu tiegħu ta' viġilanza u sorveljanza tal-attivitajiet tiegħu ma dawn is-sieħba Iranjani [58], *a fortiori* meta dawn ikunu suġġetti għal indikazzjoni. Barra minn hekk, il-fatt li EIH serva preċiżament ta' intermedjarju juri li huwa kien jaf perfettament l-identità tad-debitur inizjali u tal-kreditur finali, fejn dak tal-ewwel ikun, b'mod ġenerali, indikat b'mod magħruf. Għalhekk EIH kellu "għarfien […] tal-fatt li l-proċedura tat-tielet rimedju kienet tippermetti, minkejja l-prinċipju tal-iffriżar ta' fondi, li jitwettqu tranżazzjonijiet li kienu jikkonċernaw banek indikati" [59]. L-elementi ta' konoxxenza u ta' volontà implikati fit-termini "konxja" u "intenzjonata" [60] huma għalhekk preżenti sew fil-każ ta' EIH, iktar u iktar peress li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dawn iż-żewġ elementi kumulattivi huma ssodisfatti meta l-entità inkwistjoni "tqis li l-parteċipazzjoni tagħha f'tali attività tista' tkollha dan il-għan jew l-effett u li hija taċċetta din il-possibbiltà" [61]. Billi kompla jżomm relazzjonijiet finanzjarji mal-entitajiet indikati fil-kuntest ta' każ atipiku – il-proċedura tat-tielet rimedju – EIH għandu jitqies li huwa preċiżament assuma tali possibbiltà [62].

67. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Kunsill seta' jinvoka t-tranżazzjonijiet hekk indebitament awtorizzati skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 961/2010 sabiex jibbaża l-adozzjoni tal-atti kkontestati kontra l-appellant.

iii) Fuq il-proċedura tat-tielet rimedju u l-projbizzjoni tal-evażjoni ta' miżuri restrittivi

68. EIH ifittex mill-ġdid li jdur lura fuq l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali tal-element suġġettiv tal-Artikolu 16(4) tar-Regolament Nru 961/2010, jiġifieri r-rekwiżit ta' parteċipazzjoni "konxja u intenzjonata" f'attività ta' evażjoni ta' miżuri restrittivi. F'dan ir-rigward jiena nikkonferma b'mod sħiħ il-pożizzjoni li żviluppajt fil-punt 66 ta' dawn il-konklużjonijiet.

69. L-invokazzjoni minn EIH tad-diversi assigurazzjonijiet li huwa rċieva min-naħa tal-Bundesbank, li rrepeta diversi drabi l-pożizzjoni tiegħu billi indika li ċerti tranżazzjonijiet previsti ma kinux jeħtieġu awtorizzazzjoni jew li huwa kien japprova l-użu tal-proċedura tat-tielet rimedju, fi kwalunkwe każ, ma hijiex biżżejjed sabiex jiġi konkluż li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ddeċidiet li l-kriterji ta' indikazzjoni kienu ssodisfatti – kwistjoni li hija, preċiżament is-suġġett tat-tieni aggravju. L-assigurazzjonijiet mogħtija mill-Bundesbank, minn naħa, u l-evalwazzjoni tal-Kunsill tal-opportunità li isem EIH jiġi inkluż fil-lista ta' persuni u ta' entitajiet li l-assi tagħhom għandhom jiġu ffriżati, min-naħa l-oħra, jaqgħu f'żewġ proċessi distinti u awtonomi, u dan iktar u iktar ladarba, kif ser nuri, l-assigurazzjonijiet, l-approvazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet mogħtija ma humiex konformi mar-Regolamenti Nri 423/2007 u 961/2010.

58 — Ara l-punt 140 tas-sentenza appellata.

59 — Punt 150 tas-sentenza appellata.

60 — Sentenza Afrasiabi *et* (EU:C:2011:874, punt 66).

61 — Sentenza Afrasiabi *et* (EU:C:2011:874, punt 67).

62 — Jiena nżid ukoll li l-attitudni ta' EIH tista' tkun il-bażi tal-adozzjoni ta' miżuri restrittivi skont l-Artikolu 16(2)(b) tar-Regolament Nru 961/2010, li jipprovdi li l-persuni jew entitajiet "li assistew lil persuna, entità jew korp elenkati biex jevadu jew jiksru d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament" jistgħu wkoll ikunu suġġetti għall-miżura tal-iffriżar ta' fondi. F'tali każ, in-natura konxja u intenzjonata tal-aġir ikkritikat jidher sekondarju, għaliex huwa biżżejjed li jkun hemm l-assistenza fil-ksur jew fl-evażjoni.

70. Anki jekk id-dikjarazzjoni tal-Qorti Ġenerali li "istituzzjoni finanzjarja raġonevolment diliġenti jmissha talbet iktar preċiżazzjonijiet fir-rigward tal-'approvazzjoni' rċevuta"[63] tista' tidher partikolarment eżiġenti, hija ma tikkostitwixxix l-element deċiżiv fir-raġunament tal-Qorti Ġenerali meta hija ddeċidiet li EIH jista' jitqies mill-Kunsill li huwa jissodisfa l-kriterji ta' elenkar. Barra minn hekk, u jekk dan jaqa' taħt l-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell, ma għadux utili li iktar 'il quddiem tiġi kkunsidrata l-kronoloġija tal-iskambji bejn il-Bundesbank u l-appellant għaliex ma tista' tittieħed ebda konklużjoni li tista' tgħin lil dan tal-aħħar f'dak li jrid juri.

71. Rigward l-ittri tal-bank nazzjonali Awstrijak, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li dawn inħarġu minn awtorità nazzjonali li ma kinitx dik kompetenti għat-tranżazzjonijiet ikkonċernati, peress li EIH jiddependi biss mill-Bundesbank[64]. Għalhekk, l-imsemmija ittri l-iktar li kienu jagħmlu kien biss li jesponu kif din l-awtorità nazzjonali partikolari tifhem ir-regoli li jirrigwardaw it-tranżazzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-implementazzjoni ta' att tal-Unjoni, liema interpretazzjoni ma torbotx l-istituzzjonijiet tal-Unjoni[65]. Il-fatt li waħda mill-ittri allegatament tesponi r-riżultati ta' laqgħa tal-grupp RELEX/sanzjonijiet ma jistax jgħin lil EIH f'dak li jrid juri, peress li l-Kunsill fakkar li dan il-grupp huwa biss stadju preparatorju tal-Kunsill u li pożizzjoni uffiċjali ta' dan tal-aħħar ma tistax tkun dedotta minn sempliċi rendikont ta' laqgħa tal-imsemmi grupp.

72. Fl-aħħar nett, l-appellant jipprova juri li l-Qorti Ġenerali żnaturat ir-rapporti ta' kontabbiltà li huwa ppreżenta. B'applikazzjoni tal-prinċipji li għandhom jiggwidaw l-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja f'każ bħal dan[66], jiena ser nikkonstata biss li huwa loġiku li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-konklużjonijiet ta' rapport ta' kontabbiltà, li min-natura tiegħu huwa bbażat fuq kampjun ta' tranżazzjonijiet, ma jistgħux ikunu estiżi awtomatikament għat-tranżazzjonijiet kollha realment imwettqa. Barra minn hekk, EIH ma jikkontestax li r-rapport ta' kontabbiltà tat-23 ta' Diċembru 2010 jikkonstata espliċitament li "[i]t-tranżazzjonijiet imwettqa, fl-2010, fil-kuntest tal-proċedura tat-tielet rimedju setgħu jikkompromettu l-għanijiet tal-politika ta' sanzjonijiet tal-Unjoni"[67]. Barra minn hekk il-parti l-oħra tal-imsemmi rapport, li fuqu jinsisti l-appellant fil-kuntest tal-appell u li ma ssemmiex mill-Qorti Ġenerali, jidhirli li għandha eżattament l-istess sens għaliex tikkonkludi li evalwazzjoni finali tal-imsemmija tranżazzjonijiet tista' tinkiseb biss b'analiżi manwali ddettaljata tat-tranżazzjonijiet individwali u t-tranżazzjonijiet sussidjarji tagħhom[68], filwaqt li l-awturi tar-rapport enfasizzaw mill-ġdid in-natura relattiva tal-konklużjonijiet li setgħu jsiru fl-immedjat. L-istess japplika għad-dikjarazzjoni li, bla ħsara għall-verifiki addizzjonali f'każijiet individwali, l-awturi kkunsidraw li l-proċeduri segwiti minn EIH għall-osservanza tar-regoli ta' sanzjonijiet kienu jissodisfaw ir-rekwiżiti legali[69]. Il-Qorti Ġenerali ma setgħetx għalhekk oġġettivament tiddeċiedi li r-rapporti ta' kontabbiltà kienu jiggarantixxu b'mod assolut u definittiv il-fatt li EIH aġixxa dejjem b'konformità sħiħa mar-Regolamenti Nri 423/2007 u 961/2010.

63 — Punt 154 tas-sentenza appellata.

64 — Ara l-punt 155 tas-sentenza appellata.

65 — Ara l-punt 57 ta' dawn il-konklużjonijiet.

66 — Imfakkra fil-punti 25 u 27 ta' dawn il-konklużjonijiet.

67 — Punt 156 tas-sentenza appellata.

68 — Ara l-punt 85(5) tal-appell.

69 — Ara l-punt 85(5) tal-appell.

C – Fuq it-tielet aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi rigward l-interpretazzjoni u l-evalwazzjoni tal-prinċipji ta' aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali

1. L-argumenti tal-appellant

73. Fil-punti 174 *et seq* tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tal-appellant, li allega li kellu aspettattiva leġittima li ma kienx ser jiġi ssanzjonat għat-tranżazzjonijiet li huwa wettaq abbażi ta' awtorizzazzjonijiet jew approvazzjonijiet mogħtija mill-Bundesbank, għar-raġuni li operatur ekonomiku prudenti u avżat għandu jkun kapaċi jipprevedi l-adozzjoni ta' miżura tal-Unjoni li taffettwa l-interessi tiegħu u ma jistax jinvoka l-benefiċċju ta' dan il-prinċipju meta l-imsemmija miżura hija effettivament adottata. EIH jikkontesta li huwa kien f'pożizzjoni li jipprevedi l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi kontra tiegħu preċiżament għaliex it-tranżazzjonijiet ikkontestati kienu approvati jew awtorizzati mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

74. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-kompetenza tal-Bundesbank kienet limitata għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet abbażi ta' analiżi każ b'każ u li, konsegwentement, ebda aspettattiva leġittima ma setgħet tinħoloq mill-approvazzjoni ġeneralizzata tat-tranżazzjonijiet imwettqa skont il-proċedura tat-tielet rimedju [70]. EIH jikkontesta din il-konklużjoni billi jfakkar l-argumenti li huwa żviluppa f'dan ir-rigward fil-kuntest tat-tieni aggravju. Huwa jżid jgħid li, għalkemm mill-ġurisprudenza jirriżulta li, fil-prinċipju, l-aspettattivi leġittimi jistgħu jkunu invokati biss jekk jingħataw assigurazzjonijiet konformi mar-regoli applikabbli, operatur ekonomiku jista' jibbaża ruħu fuq dikjarazzjoni ta' awtorità nazzjonali mhux konformi mad-dritt tal-Unjoni, bil-kundizzjoni li l-imsemmi dritt huwa vvizzjat minn ambigwità [71], li huwa l-każ f'dan il-każ, ikkunsidrati d-diverġenzi tal-pożizjonijiet rigward il-legalità tal-proċedura tat-tielet rimedju. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti Ġenerali kienet diġà ddeċidiet li anki dikjarazzjoni jew deċiżjoni nazzjonali mhux għal kollox konformi mad-dritt tal-Unjoni tista', f'ċirkustanzi eċċezzjonali, toħloq aspettattivi leġittimi fi ħdan l-operatur ekonomiku kkonċernat [72] u l-Qorti tal-Ġustizzja min-naħa tagħha, iddeċidiet li l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jistgħu b'mod eċċezzjonali jiddeċiedu li ma jimponux multa anki jekk impriża tikser il-projbizzjoni tal-akkordji prevista fl-Artikolu 101 TFUE [73]. Għalhekk, fil-każ fejn l-aġir ta' EIH seta' finalment iwassal għall-ksur tal-Artikolu 16(4) tar-Regolament Nru 961/2010 – *quod non* – assigurazzjonijiet ċari, preċiżi u ripetuti ingħataw lilu mill-Bundesbank u jipprekludu l-adozzjoni ta' kull sanzjoni kontra tiegħu, kemm fil-livell nazzjonali kien ukoll fil-livell tal-Unjoni, il-Kunsill għandu jikkunsidra li huwa marbut bl-aspettattivi maħluqa mill-assigurazzjonijiet mogħtija mill-Bundesbank [74].

75. Fl-aħħar nett, EIH jikkontesta l-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti Ġenerali fil-punt 179 tas-sentenza appellata fejn iddeċidiet li d-diversi atti kkontestati kienu biżżejjed ċari sabiex l-applikazzjoni tagħhom tkun prevedibbli mill-appellant.

70 — Ara l-punti 176 u 177 tas-sentenza appellata.

71 — L-appellant jinvoka, f'dan ir-rigward, is-sentenzi Maizena (5/82, EU:C:1982:439, punt 22) u Sony Supply Chain Solutions (Europe) (C 153/10, EU:C:2011:224, punt 47) kif ukoll is-sentenza Regione autonoma della Sardegna *et* vs Il-Kummissjoni (T-394/08, T-408/08, T-453/08 u T 454/08, EU:T:2011:493, punt 273).

72 — F'dan ir-rigward, l-appellant jiċċita s-sentenza Regione autonoma della Sardegna *et* vs Il-Kummissjoni (EU:T:2011:493, punt 274).

73 — Hawnhekk l-appellant jibbaża ruħu fuq is-sentenza Schenker & Co. *et* (C-681/11, EU:C:2013:404, punti 40 u 41).

74 — F'dan ir-rigward, l-appellant jagħmel riferiment għall-punt 87 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fis-sentenza Schenker & Co. *et* (C-681/11, EU:C:2013:126).

2. Analiżi

76. Nippreċiża mill-bidu li l-eżami ta' dan l-aggravju huwa kontinwazzjoni tal-analiżi mwettqa fil-kuntest tat-tieni fergħa relattiva tat-tieni aggravju, b'mod partikolari għall-portata legali tal-awtorizzazzjonijiet u tal-approvazzjonijiet mill-Bundesbank għat-tranżazzjonijiet imwettqa minn EIH u huwa b'osservanza tal-ispirtu tal-konklużjonijiet li jiena għamilt f'dan ir-rigward li ser nipproċedi issa bl-analiżi tat-tielet aggravju.

77. Minn ġurisprudenza repetittiva tal-Qorti tal-Ġustizzja riprodotta fis-sentenza appellata [75] jirriżulta li "l-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi jippreżumi li assigurazzjonijiet preċiżi, inkondizzjonati u konkordanti, li joriġinaw minn sorsi awtorizzati u affidabbli, ikunu ngħataw lill-persuna kkonċernata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni. […] [D]an id-dritt huwa miftuħ għal kull individwu li għandu tamiet fondati mnissla minn istituzzjoni, korp, jew organu tal-Unjoni, billi tawh assigurazzjonijiet preċiżi. Informazzjoni preċiża, inkondizzjonata u konkordanti tikkostitwixxi assigurazzjonijiet bħal dawn, tkun xi tkun il-forma li fiha tiġi kkomunikata" [76].

78. Din il-ġurisprudenza titlob żewġ serje ta' kummenti.

79. Minn naħa, minkejja li l-attitudni tal-Bundesbank tista' toħloq kwalunkwe aspettattiva leġittima għall-appellant, dan tal-aħħar jista' jinvokaha biss kontra l-awtorità nazzjonali inkwistjoni. Fi kliem ieħor, l-ipotetiċi aspettattivi leġittimi mnissla mill-attitudni tal-Bundesbank ma jipprekludux lill-Kunsill milli jiddeċiedi li jimponi miżuri restrittivi lil EIH. Il-ġurisprudenza invokata mill-appellant ma tidhirx li toħloq kuntrast ma' din il-konstatazzjoni għaliex hija tindika biss li l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni *jistgħu* ma jimponux multi lill-impriża anki meta din tal-aħħar tikser deliberament jew b'negliġenza l-Artikolu 101 TFUE, bil-kundizzjoni li huma jkunu nislu fl-imsemmija impriża aspettattivi leġittimi li l-aġir tagħha ma jikkostitwixxix ksur tal-imsemmija dispożizzjoni [77], li ma jimplika xejn għajr il-possibbiltà, li *l-awtorità li tkun nisslet l-aspettattivi leġittimi*, tvarja, jekk ikun il-każ, is-setgħa ta' sanzjoni tagħha stess.

80. Min-naħa l-oħra, mill-argumenti ddedikati għall-eżami tat-tieni aggravju jirriżulta li l-allegata assigurazzjoni mogħtija mill-awtorità nazzjonali inkwistjoni ma hijiex konformi mad-dritt tal-Unjoni, għaliex awtorizzazzjonijiet każ b'każ biss li josservaw il-proċeduri stabbiliti mir-regolamenti kkonċernati jistgħu jingħataw mill-awtoritajiet nazzjonali [78]. Il-ġurisprudenza invokata mill-appellant tippreċiża li "aspettattivi leġittimi fir-rigward tar-regolarità ta' għajnuna mill-Istat ma jistgħux, bħala regola ġenerali, u ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jiġu invokati jekk din l-għajnuna tkun ingħatat skont il-proċedura" [79]. Issa, li nfittex jekk jeżistux, f'dan il-każ, ċirkustanzi eċċezzjonali li minnhom jista' jibbenefika EIH huwa, fi kwalunkwe każ mingħajr effett fin-nuqqas tal-elementi neċessarji għal bażi ta' aspettattivi leġittimi u, b'mod iktar partikolari, ta' assigurazzjonijiet preċiżi, inkundizzjonati u konkordanti li permezz tagħhom EIH ma jkunx suġġett għal miżuri restrittivi minħabba t-tranżazzjonijiet ikkontestati li huwa wettaq.

81. Għalhekk l-argument ibbażat fuq l-eżistenza ta' żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali rigward il-ksur tal-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi, għandu jiġi skartat.

82. Rigward il-prinċipju ta' ċertezza legali, għandu wkoll jiġi kkonstatat li l-analiżi tal-Qorti Ġenerali hija ħielsa minn kull żball.

75 — Ara l-punt 174 tas-sentenza appellata.

76 — Sentenza HGA *et* vs Il-Kummissjoni (C-630/11 P sa C-633/11 P, EU:C:2013:387, punt 132 u l-ġurisprudenza ċċitata).

77 — Ara s-sentenza Schenker & Co. *et* (EU:C:2013:404, punti 40 *et seq*).

78 — Ara l-punti 54 *et seq* kif ukoll il-punt 64 ta' dawn il-konklużjonijiet.

79 — Sentenza HGA *et* vs Il-Kummissjoni (EU:C:2013:387, punt 134).

83. Fil-fatt l-imsemmi prinċipju jimplika li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tkun ċerta u li l-applikazzjoni tagħha tkun prevedibbli għall-individwu [80]. Jekk wieħed jara ftit fejn EIH qajjem l-awtorizzazzjonijiet u l-approvazzjonijiet mingħand il-Bundesbank, ir-Regolament Nru 423/2007 u mbagħad ir-Regolament Nru 961/2010 huma applikabbli. Imkien f'dawn iż-żewġ regolamenti ma hemm indikat li l-approvazzjoni jew l-awtorizzazzjoni mogħtija minn awtorità nazzjonali għandha l-effett li twaqqaf is-setgħa tal-Kunsill li jadotta miżuri restrittivi jew toffri kwalunkwe garanzija li t-tranżazzjonijiet hekk approvati jew awtorizzati jitqiesu awtomatikament mill-Kunsill stess li huma legali. Id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija regolamenti ddedikati għall-proċeduri ta' awtorizzazzjoni huma wkoll distinti b'mod ċar minn dawk iddedikati lill-prinċipju tal-iffriżar ta' fondi b'mod ġenerali u għall-projbizzjoni ta' evażjoni ta' miżuri restrittivi b'mod partikolari [81]. Bl-istess mod mill-formulazzjoni ta' dawn iż-żewġ regolamenti jirriżulta b'mod inekwivoku li kull awtorizzazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għandha tingħata abbażi ta' evalwazzjoni każ b'każ ta' kull trasferiment previst – kemm jekk jirrigwarda talba għal rilaxx [82] kif ukoll trasferiment ta' fondi [83].

84. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-appellant kien totalment f'pożizzjoni li jantiċipa mhux biss in-nuqqas ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni tal-approvazzjoni ġeneralizzata mogħtija mill-Bundesbank [84], iżda wkoll il-fatt li l-Kunsill seta', fi kwalunkwe każ, jimponilu miżuri restrittivi fil-kundizzjonijiet stabbiliti b'mod ċar mir-regolamenti fuq imsemmija.

85. Għalhekk il-Qorti Ġenerali ġustament ċaħdet l-argument ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali bħala infondat. Għaldaqstant it-tielet aggravju kollu tal-appell għandu wkoll ikun miċħud bħala infondat.

D – *Fuq ir-raba' aggravju bbażat fuq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 32(2) tar-Regolament Nru 961/2010 u tal-prinċipju ta' proporzjonalità*

1. L-argumenti tal-appellant

86. Permezz tar-raba' aggravju tiegħu, essenzjalment, l-appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punti 204 u 205 tas-sentenza appellata, li huwa ma setax jinvoka l-Artikolu 32(2) tar-Regolament Nru 961/2010, li għandu l-għan li jipproteġi l-impriżi li mingħajr ma jafu jiksru l-projbizzjonijiet imposti mill-imsemmi regolament, li jkun il-każ ta' EIH jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tkompli tqis it-tranżazzjonijiet ikkontestati li huma illegali.

87. Min-naħa l-oħra, l-appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv imressaq quddiemha fir-rigward tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Fil-fatt, l-iffriżar ta' fondi ta' EIH deċiż mill-Kunsill huwa pjuttost miżura sproporzjonata.

88. Fl-ewwel lok, filwaqt li jfakkar li huwa kien dejjem konformi mal-parir tal-awtorità nazzjonali kompetenti, EIH isostni li l-Bundesbank, pereżempju, seta' ma approvax l-użu tal-proċedura tat-tielet rimedju jew jirrifjuta l-awtorizzazzjonijiet mitluba minn EIH skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 961/2010. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, b'mod żbaljat, li tali miżuri, li jevitaw l-istħarriġ tal-Kunsill, ma jiżgurawx l-istess effett tal-protezzjoni bħal deċiżjoni tal-iffriżar ta' fondi u li

80 — Ara, fost ġurisprudenza abbondanti, is-sentenzi Nuova Agricast u Cofra vs Il-Kummissjoni (C-67/09 P, EU:C:2010:607, punt 77 u l-ġurisprudenza ċċitata) kif ukoll Alcoa Trasformazioni vs Il-Kummissjoni (C-194/09 P, EU:C:2011:497, punt 71).

81 — Ara, minn naħa, l-Artikolu 7(4) tar-Regolament Nru 423/2007 u min-naħa l-oħra, l-Artikoli 8 sa 10 tiegħu, kif ukoll, minn naħa, l-Artikolu 16(4) tar-Regolament Nru 961/2010 u, min-naħa l-oħra, l-Artikoli 17 sa 19 u 21 tiegħu.

82 — Skont l-Artikoli 8 sa 10 tar-Regolament Nru 423/2007 u l-Artikoli 17 sa 19 tar-Regolament Nru 961/2010.

83 — Skont l-Artikoli 11 tar-Regolament Nru 423/2007 u 21 tar-Regolament Nru 961/2010.

84 — L-argument ibbażat fuq interpretazzjonijiet diverġenti li saru mill-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll minn ċerti istituzzjonijiet tal-Unjoni jsiru għalhekk mingħajr effett, peress li finalment il-problema ma hijiex dwar jekk it-tranżazzjonijiet imwettqa skont il-proċedura tat-tielet rimedju, fil-prinċipju tagħhom, kinux konformi mad-dritt tal-Unjoni iżda dwar jekk awtorità nazzjonali tistax tagħti, abbażi tar-Regolamenti Nru 423/2007 u Nru 961/2010, awtorizzazzjoni ta' portata ġenerali għal tranżazzjonijiet ippjanati mingħajr analiżi każ b'każ.

l-imemmija deċiżjoni kienet tirriżulta għalhekk xierqa u neċessarji. Fil-fatt, kieku l-Kunsill qies insuffiċjenti s-sistema ta' sorveljanza Ġermaniża, huwa seta' jordna lil dan l-Istat Membru sabiex jirrendiha iktar effettiva, u l-Istat Membru kien ikun obbligat jagħmel dan abbażi ta' kooperazzjoni leali. Madankollu, il-Qorti Ġenerali ma kkunsidratx dan tal-aħħar fl-analiżi tagħha. Fi kwalunkwe każ, huwa sproporzjonat li l-iżball eventwali ta' awtorità nazzjonali jiġi kkumpensat minn miżuri restrittivi, meta r-responsabbiltà li jiġu evitati interpretazzjonijiet diverġenti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni hija tal-istituzzjonijiet ta' din tal-aħħar.

89. Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi ġdid billi ddeċidiet li s-sistema ta' awtorizzazzjoni implementata mill-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 961/2010 ma jiżgurax effett preventiv ekwivalenti għall-elenkar fil-lista ta' persuni u ta' entitajiet li l-assi tagħhom għandhom jiġu ffriżati. Ċertament, ksur tal-imsemmi Artikolu 21 neċessarjament isir magħruf *a posteriori*, iżda dan japplika għal kull ksur tal-iffriżar ta' fondi tal-entità indikata. L-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 961/2010 għandu għalhekk l-istess effett preventiv tal-indikazzjoni ta' EIH filwaqt li huwa inqas restrittiv b'mod sinjifikattiv. Għalhekk it-talba magħmula minn EIH lil Bundesbank fir-rigward tal-proċedura tat-tielet rimedju saret qabel ma EIH beda t-tranżazzjonijiet tiegħu, u t-talbiet magħmula abbażi tal-imsemmi Artikolu 21 għandhom isiru wkoll qabel it-twettiq ta' tranżazzjoni. EIH ifakkar li bdil tal-linji gwida tal-Bundesbank kien biżżejjed sabiex l-appellant jirrinunzja għat-tranżazzjonijiet tiegħu, għaliex huwa dejjem kien konformi mad-direttivi ta' din l-awtorità nazzjonali. Għalhekk ma hemmx raġuni li wieħed jaħseb li tali bdil ma kienx jiggarantixxi effett preventiv ekwivalenti għall-iffriżar ta' fondi ta' EIH. Barra minn hekk, EIH jinvoka l-ittra tal-bank nazzjonali Awstrijak li, fil-fehma tiegħu, turi l-fatt li l-Kunsill stess kien jaf u approva l-pożizzjoni tal-Bundesbank fir-rigward tat-tielet rimedju qabel l-indikazzjoni ta' EIH [85].

90. Għalhekk, l-indikazzjoni ta' EIH mill-Kunsill hija sproporzjonata, u l-Qorti Ġenerali pproċediet għal klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti żbaljata u waslet għall-konklużjonijiet fundamentalment ineżatti tal-proċess.

2. Analiżi

91. Mill-Artikolu 32(2) tar-Regolament Nru 961/2010 jirriżulta li "[i]l-projbizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament m'għandhomx iwasslu għal responsabbiltà ta' ebda xorta min-naħa tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew entitajiet ikkonċernati, jekk huma ma kinux jafu, u ma kellhom ebda raġuni valida li jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom kienu se jiksru dawn il-projbizzjonijiet". L-Artikolu 32 tar-Regolament Nru 961/2010 jagħixxi bħala klawżola li teżenta mir-responsabbiltà l-persuni jew l-entitajiet li, f'*bona fide* jew għax ma kinux jafu l-kuntest tal-miżuri restrittivi, iwettqu ksur tar-regolament fuq imsemmi.

92. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġu kkonstatat li EIH, billi kkontribwixxa sabiex banek Iranjani indikati jkunu jistgħu jwettqu tranżazzjonijiet li l-miżuri ta' ffriżar kienu interrompew, filwaqt li huwa stess huwa attiv fis-suq finanzjarju, speċjalizzat fis-servizzi u l-attivitajiet li jikkonċernaw l-Iran jew fl-Iran u miżmum parzjalment minn entità indikata, ma jistax jippretendi li ma setax b'mod raġonevoli jissuspetta li huwa kiser b'mod partikolari l-projbizzjoni ta' evażjoni ta' miżuri restrittivi stabbilita fl-Artikolu 16(4) tar-Regolament Nru 961/2010. Dwar dan il-punt, ma għandu ebda effett li jiġu invokati l-eventwali approvazzjonijiet jew awtorizzazzjonijiet mogħtija mill-Bundesbank [86], u lanqas l-ittra tal-bank nazzjonali Awstrijak [87]. Kif dawn l-awtorizzazzjonijiet u approvazzjonijiet ma jistgħux joħolqu aspettattiva leġittima – kif indikajt fil-kuntest tal-analiżi tal-aggravju preċedenti – lanqas ma

85 — Ara l-punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet.

86 — Infakkar li dawn l-approvazzjonijiet jew awtorizzazzjonijiet huma, fi kwalunkwe każ, mogħtija mill-awtoritajiet nazzjonali abbażi biss ta' informazzjoni mogħtija mill-persuna jew l-entità li titlobhom jekk ma ssir ebda investigazzjoni, u li din l-informazzjoni tkun tali li twassal l-imsemmija awtoritajiet għal żball.

87 — Fir-rigward ta' din tal-aħħar u għall-konklużjonijiet li wieħed jista' jagħmel mill-pożizzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-proċedura tat-tielet rimedju, jiena nirreferi għall-punt 71 ta' dawn il-konklużjonijiet.

huma rilevanti sabiex jiġi evalwat jekk EIH jistax jibbenefika mill-eżenzjoni tar-responsabbiltà skont l-Artikolu 32 tar-Regolament Nru 961/2010, fid-dawl tal-fatt li dawn l-awtorizzazzjonijiet u approvazzjonijiet ma humiex, fi kwalunkwe każ, mogħtija konformement mar-regolament. Fl-aħħar nett, kif ġustament irrimarka l-Kunsill, anki jekk EIH seta' jibbenefika mill-Artikolu 32(2) tar-Regolament Nru 961/2010, dan ma setax jostakola l-elenkar tiegħu ladarba huwa jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti mill-Artikolu 16 tal-imsemmi regolament, peress li tali miżura restrittiva, min-natura tagħha konservatorja [88], ma hijiex neċessarjament interpretata bħala li tikkostitwixxi s-sanzjoni tar-responsabbiltà ta' EIH għal ksur tar-regolament li għalih huwa responsabbli. Hija ġurisprudenza stabbilita li l-importanza tal-għanijiet ta' atti tal-Unjoni li jimplementaw il-miżuri restrittivi hija ta' natura li tiġġustifika konsegwenzi negattivi, anki kunsiderevoli, għal ċerti operaturi, inklużi dawk li ma għandhom ebda responsabbiltà fir-rigward tas-sitwazzjoni li wasslet għall-adozzjoni tal-miżuri kkonċernati, iżda li jinsabu b'mod partikolari affettwati fir-rigward tad-drittijiet għall-proprjetà tagħhom [89].

93. L-analiżi tal-Qorti Ġenerali dwar l-Artikolu 32(2) tar-Regolament Nru 961/2010 tidher għalhekk eżenti minn kull żball ta' liġi.

94. Rigward in-natura proporzjonata tad-deċiżjoni tal-Kunsill li tinkludi l-appellant fil-lista ta' persuni u ta' entitajiet li l-assi tagħhom għandhom jiġu ffriżati, hija ġurisprudenza stabbilita li "l-prinċipju ta' proporzjonalità jagħmel parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u jeżiġi li l-miżuri implementati permezz ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni jkunu kapaċi li jilħqu l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni kkonċernata u li ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex dawn jintlaħqu" [90]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet ukoll li "jeħtieġ li tiġi rikonoxxuta setgħa diskrezzjonali wiesgħa lill-leġiżlatur tal-Unjoni fl-oqsma li jimplikaw minn naħa ta' din tal-aħħar għażliet ta' natura politika, ekonomika u soċjali, u li fiha hija msejħa twettaq evalwazzjonijiet kumplessi" [91].

95. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-appellant ma jikkontestax il-leġittimità tal-għan li jrid jintlaħaq mis-sistema ta' sanzjonijiet kontra l-Iran implementata mir-Regolament Nru 961/2010, u lanqas il-proporzjonalità tal-kriterji tal-elenkar fil-listi ta' persuni u ta' entitajiet li l-assi tagħhom għandhom ikunu ffriżati fihom innifishom, iżda jikkontesta biss l-applikazzjoni, fil-każ tiegħu, tal-miżura restrittiva deċiża mill-Kunsill. B'hekk, għandu jitfakkar li kull deċiżjoni ta' elenkar intiża sabiex tiġġieled kontra l-proliferazzjoni nukleari fl-Iran għandha għanijiet marbuta mal-paċi u s-sigurtà internazzjonali [92].

96. Kif diġà fakkart, is-sistema implementata mill-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 961/2010 – li tikkonsisti fl-eżerċizzju ta' sorveljanza, mill-awtoritajiet nazzjonali, tat-trasferimenti li għandhom ikunu awtorizzati qabel l-eżekuzzjoni tagħhom – għandha natura għal kollox differenti minn dik tas-sistema ta' miżuri restrittivi mfissra fl-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 961/2010. Fil-fatt, l-imsemmi regolament jistabbilixxi, b'mod konservatorju, il-prinċipju tal-iffriżar ta' fondi ta' persuni u ta' entitajiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għal elenkar fil-listi. Dan l-iffriżar huwa akkumpanjat minn diversi possibbiltajiet ta' rilaxx, permezz ta' deroga.

88 — Sentenzi Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461, punt 358); Afrasiabi *et* (EU:C:2011:874, punt 45); kif ukoll Il-Kummissjoni *et* vs Kadi (EU:C:2013:518, punti 130 u 132).

89 — Sentenza Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (EU:C:2008:461, punt 361).

90 — Sentenza Melli Bank vs Il-Kunsill (C-380/09 P, EU:C:2012:137, punt 52).

91 — Sentenza Il-Kunsill vs Manufacturing Support & Procurement Kala Naft (C-348/12 P, EU:C:2013:776, punt 120).

92 — Sentenzi Bank Melli Iran vs Il-Kunsill (C-548/09 P, EU:C:2011:735, punt 115) u Il-Kunsill vs Manufacturing Support & Procurement Kala Naft (EU:C:2013:776, punt 124). Ara wkoll il-premessa 15 tar-Regolament Nru 961/2010.

97. Għall-kuntrarju, l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 961/2010, jaqa' taħt is-sorveljanza finanzjarja ġenerali u japplika għall-persuni jew l-entitajiet Iranjani kollha li jordnaw jew li jkunu destinatarji ta' trasferiment ta' fondi, li jkomplu jgawdu liberament mill-fondi tagħhom. Għalhekk, l-elenkar tal-appellant skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 961/2010 jaqa' f'loġika u f'sistematika partikolari speċifika li ma għandhom xejn x'jaqsmu ma dawk tal-Artikolu 21 tal-imsemmi regolament, ta' portata ferm iktar wiesgħa, b'tali mod li wieħed ma jistax ikun l-alternattiv tal-ieħor.

98. Ikkunsidrat l-għan leġittimu li jrid jintlaħaq – u mhux ikkontestat – l-implementazzjoni tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 961/2010 kontra l-appellant tidher bħala miżura xierqa għaliex għandha l-effet li twaqqaf il-fondi kollha li huwa għandu u li tqiegħed għad-dispożizzjoni biss – ir-rilaxx – b'mod eċċezzjonali. B'dan il-mod, il-Kunsill jiżgura li l-fondi ta' EIH ma jintużawx iktar mill-entitajiet indikati b'mod mhux konformi mar-regolament, skont dak deċiż mill-Qorti Ġenerali fil-punt 202 tas-sentenza appellata. Minn din il-konstatazzjoni jirriżulta naturalment li l-effett preventiv żgurat mill-implementazzjoni tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 961/2010 ma huwiex paragunabbli mal-effett tal-Artikolu 21 tal-istess regolament, għaliex, infakkar, li f'dak il-każ, l-entità kkonċernata tibqa' tamministra l-fondi tagħha.

99. Ma' dan inżid ngħid li r-raġuni tal-elenkar tal-appellant fil-lista ta' persuni u ta' entitajiet li l-assi tagħhom għandhom ikunu ffriżati ma tinsabx fl-eventwali lakuni tas-sistema ta' sorveljanza finanzjarja Ġermaniża, b'tali mod li ma jistax jiġi dedott mill-allegati miżuri alternattivi mressqa mill-appellant, li jikkonsistu fi bdil fil-linji gwida tal-Bundesbank jew f'titjib tal-imsemmija sistema fil-livell nazzjonali – anki jekk imwettaq f'isem il-kooperazzjoni leali – li hemm miżuri li jistgħu jikkostitwixxu alternattiva valida għal miżuri tal-iffriżar ta' fondi imposta fuq EIH. Barra minn hekk, l-argument ta' EIH huwa bbażat mhux fuq miżuri alternattivi eżistenti iżda fuq miżuri alternattivi *potenzjali* biss. Fil-fatt, il-miżuri invokati minn EIH għandhom, fil-biċċa l-kbira, natura purament prospettiva, biex ma ngħidx ipotetika, li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tkun issodisfatta bihom fid-deċiżjoni dwar l-evalwazzjoni mwettqa mill-Qorti Ġenerali tan-natura proporzjonata tal-użu ta' miżura ta' ffriżar ta' fondi fir-rigward ta' EIH.

100. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, huwa ġust li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li ebda waħda mill-miżuri mressqa mill-apellant ma setgħu jkunu previsti bħala miżura alternattiva għall-iffriżar ta' fondi ta' EIH li jippreżentaw, għal dan il-għan, l-istess livell ta' effettività filwaqt li jnaqqsu l-preġudizzju fuq id-drittijiet u l-libertajiet tal-appellant.

101. Għar-raġunijiet kollha preċedenti, jiena nikkunsidra li hemm lok li r-raba' aggravju jiġi miċħud.

IV – **Fuq l-ispejjeż**

102. Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) tal-istess regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1), il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li l-Kunsill talab li l-appellant ibati l-ispejjeż u dan tal-aħħar, fil-fehma tiegħi, għandu jitlef, hemm lok li huwa jbati l-ispejjeż relatati mal-appell. Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, li ħa sehem fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja abbażi tal-Artikolu 172 tar-Regoli tal-Proċedura ta' din tal-aħħar, huwa għandu jbati l-ispejjeż tiegħu skont l-Artikolu 140(1) tal-imsemmija regoli.

V – **Konklużjoni**

103. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Europäisch-Iranische Handelsbank AG huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

3) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.